# REGOLAMENT (UE) Nru 1380/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-11 ta' Diċembru 2013

## dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ([4]) stabbilixxa sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS).

(2) L-iskop tal-PKS jinkludi l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ġestjoni tas-sajd iffukata fuqhom. Barra minn hekk, huwa jinkludi, fir-rigward ta' miżuri tas-suq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-għanijiet tagħha, għar-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu u attivitajiet ta' akkwakultura, kif ukoll għall-ipproċessar u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, fejn dawn l-attivitajiet iseħħu fit-territorju tal-Istati Membri, jew fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u li jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi, jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, jew minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 117 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ([5]) (UNCLOS).

(3) Is-sajd rikreattiv jista' jkollu impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ħut u l-Istati Membri għandhom, għalhekk, jiżguraw li dan isir b'mod kompatibbli mal-objettivi tal-PKS.

(4) Il-PKS għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura jikkontribwixxu għal sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali fit-tul. Hija għandha tinkludi regoli li għandhom l-għan li jiżguraw it-traċċabbiltà, is-sikurezza u l-kwalità tal-prodotti kummerċjalizzati fl-Unjoni. Barra minn hekk, il-PKS għandha tikkontribwixxi għal żieda fil-produttività, standard xieraq tal-għajxien għas-settur tas-sajd inkluż is-sajd fuq skala żgħira, u swieq stabbli, u għandha tiżgura d-disponibbiltà ta' provvisti tal-ikel u li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli. Il-PKS għandha tikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, u tgħin biex jinkisbu l-għanijiet stipulati f'dik l-istrateġija.

(5) L-Unjoni hija Parti Kontraenti għall- UNCLOS ([6]) u, taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE ([7]), għall-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 relatat mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut tranżonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna tal-4 ta' Diċembru 1995 ([8]) (Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut), u, taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE ([9]), għall-Ftehim

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.

([2]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 20.

([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tas-17 ta' Ottubru 2013 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2013. (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

([5]) Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 3).

([6]) Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

([7]) Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

([8]) Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li jirrigwardaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-stokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 16).

([9]) Deċiżjoni tal-Kunsill 96/428/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar l-aċċettazzjoni mill-Komunità tal-Ftehim li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u maniġġar minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali (ĠU L 177, 16.7.1996, p. 24).

għall-promozzjoni tal-konformità mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-24 ta' Novembru 1993 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti ([1]).

(6) Dawk l-istrumenti internazzjonali prevalentement jistabbilixxu obbligi ta' konservazzjoni, inklużi fost oħrajn obbligi biex jittieħdu miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni mfassla biex iżommu jew ireġġgħu lura r-riżorsi tal-baħar għal livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli kemm fiż-żoni tal-baħar taħt ġurisdizzjoni nazzjonali kif ukoll fl-ibħra miftuħa, u biex jikkooperaw ma' Stati oħra għal dan il-għan, obbligi biex jiġi applikat b'mod wiesa' l-approċċ prekawzjonarju għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttament ta' stokkijiet tal-ħut, obbligi biex jiżguraw il-kompattibbiltà tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni fejn ir-riżorsi tal-baħar qegħdin f'żoni tal-baħar bi status ġurisdizzjonali differenti u obbligi biex ikun hemm qies xieraq għal użi leġittimi oħra tal-ibħra. Il-PKS għandha, għaldaqstant, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-obbligi internazzjonali tagħha skont dawn l-istrumenti internazzjonali. Fejn Stati Membri jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li ngħataw is-setgħa għalihom fil-qafas tal-PKS, huma għandhom jaġixxu wkoll b'mod li huwa konsistenti għal kollox mal-obbligi internazzjonali ta' konservazzjoni u kooperazzjoni skont dawk l-istrumenti internazzjonali.

(7) Fis-Summit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg fl-2002, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jaġixxu kontra t-tnaqqis kontinwu ta' bosta stokkijiet ta' ħut. Għalhekk, l-Unjoni għandha ttejjeb il-PKS biex tiżgura f'perijodu ta' żmien raġonevoli li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar iġib lura u jżomm popolazzjonijiet ta' stokkijiet maqbuda 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Ir-rati ta' sfruttament għandhom jinkisbu sal-2015. Il-kisba ta' dawk ir-rati ta' sfruttament sa data aktar tard għandha tkun permessa biss jekk il-kisba tagħhom sal-2015 tipperikola serjament is-sostenibbiltà soċjali u ekonomika tal-flotot tas-sajd involuti. Wara l-2015, dawk ir-rati għandhom jinkisbu l-aktar kmieni possibbli u taħt l-ebda ċirkostanza aktar tard mill-2020. Fejn informazzjoni xjentifika ma tkunx biżżejjed biex jiġu ddeterminati l-imsemmija livelli, jistgħu jitqiesu parametri approssimattivi.

(8) Id-deċiżjonijiet ta' ġestjoni b'rabta mar-rendiment massimu sostenibbli fis-sajd imħallat għandhom iqisu d-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli fl-istess waqt, f'każijiet fejn il-pariri xjentifiċi jindikaw li huwa diffiċli ħafna li jiġi evitat il-fenomenu tal-"ispeċijiet choke" billi tiżdied is-selettività tal-irkaptu tas-sajd użat. Korpi xjentifiċi adatti għandhom jintalbu jipprovdu parir dwar il-livelli adegwati ta' mortalità mis-sajd f'tali ċirkostanzi.

(9) Il-PKS għandha tiżgura koerenza mal-miri tas-sajd stabbiliti fid-Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika dwar il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011 – 2020, u mal-miri tal-bijodiversità adottati mill-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Marzu 2010.

(10) L-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar dejjem għandu jkun ibbażat fuq l-approċċ prekawzjonarju, li huwa derivat mill-prinċipju prekawzjonarju msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 191(2) tat-Trattat, meta jiġi meqjus bid-data xjentifika disponibbli.

(11) Il-PKS għandha tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet sfruttati għal skop kummerċjali, u b'mod partikolari għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stipulat fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(12) Il-PKS għandha wkoll tikkontribwixxi għall-forniment tas-suq tal-Unjoni b'ikel li jkun nutrittiv ħafna u għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-ikel. Hija għandha wkoll tippromwovi l-ħolqien dirett u indirett tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni tal-kosta.

(13) Jeħtieġ li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd għandhom jiġu limitati u l-qabdiet mhux mixtieqa għandhom jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun.

(14) Huwa importanti li l-ġestjoni tal-PKS tkun iggwidata minn prinċipji ta' governanza tajba. Dawk il-prinċipji jinkludu teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, involviment wiesa' tal-partijiet interessati u perspettiva fit-tul. Il-ġestjoni b'suċċess tal-PKS tiddipendi wkoll fuq definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fuq livelli tal-Unjoni, reġjonali, nazzjonali u lokali u fuq il-kompatibbiltà reċiproka tal-miżuri meħuda u l-konsistenza tagħhom ma' politiki oħra tal-Unjoni.

(15) Il-PKS għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-kondizzjonijiet ta' sigurtà u dawk tax-xogħol għall-operaturi tas-sajd.

(16) Il-PKS għandha tagħti attenzjoni sħiħa, fejn hu rilevanti, għas-saħħa tal-annimali, għall-benesseri tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel u l-għalf.

([1]) Il-Ftehim li jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u maniġġar minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali (ĠU L 177, 16.7.1996, p. 26).

([2]) Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

(17) Ladarba l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oċeani u l-ibħra Ewropej huma interkonnessi, il-PKS għandha tkun implimentata b'mod li jkun konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni u, b'mod partikolari, li tqis l-interazzjonijiet ma' azzjoni tal-Unjoni f'oqsma oħra tal-politika marittima. Għandha tiġi żgurata l-koerenza fil-ġestjoni ta' politiki settorjali differenti fi ħdan il-baċiri tal-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-Ibħra Ċeltiċi, il-Bajja ta' Biscay u l-Kosta tal-Iberja, il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

(18) Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi tal-Unjoni suġġett għar-regoli tal-PKS.

(19) Ir-regoli eżistenti li jillimitaw l-aċċess għar-riżorsi fi ħdan iż-żoni ta' 12-il mil nawtiku tal-Istati Membri ħadmu b'mod sodisfaċenti u kienu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni billi llimitaw l-isforz tas-sajd fl-iżjed parti sensittiva tal-ilmijiet tal-Unjoni. Dawk ir-regoli ppreservaw ukoll l-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd li minnhom jiddipendi ħafna l-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' ċerti komunitajiet kostali. Dawk ir-regoli għalhekk għandhom ikomplu japplikaw. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu aċċess preferenzjali għal sajjieda ta' skala żgħira, artiġġjanali jew kostali.

(20) Il-gżejjer żgħar lil hinn mill-kosta li jiddipendu mis-sajd għandhom, fejn ikun il-każ, ikunu rikonoxxuti b'mod speċjali u jingħataw għajnuna sabiex ikunu jistgħu jissopravvivu u jistgħanew fil-ġejjieni.

(21) Ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-Artikolu 349(1) tat-Trattat għandhom jiġu protetti b'mod partikolari billi huma jikkontribwixxu għall-preservazzjoni tal-ekonomija lokali ta' dawk it-territorji, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika tagħhom. Ċerti attivitajiet ta' sajd f'dawk l-ilmijiet għaldaqstant għandhom ikunu limitati għal bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-portijiet ta' dawk it-territorji.

(22) Sabiex tikkontribwixxi għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u l-ekosistemi tal-baħar, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tipproteġi żoni protetti li huma bijoloġikament sensittivi, billi telenkahom bħala żoni protetti. F'dawn iż-żoni, għandu jkun possibbli li l-attivitajiet tas-sajd jiġu ristretti jew ipprojbiti. Meta jiġi deċiż liema żoni jiġu elenkati, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk b'evidenza ċara ta' konċentrazzjonijiet qawwija ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni u ta' postijiet fejn ibid il-ħut, u żoni li huma meqjusa bijoloġikament sensittivi. Għandu jittieħed kont ukoll ta' żoni konservazzjoni eżistenti. Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-elenkar, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw żoni adegwati, inklużi żoni li jagħmlu parti minn netwerk koerenti, u, fejn ikun il-każ, huma għandhom jikkooperaw bejniethom, iħejju u jibagħtu rakkomandazzjonijiet konġunti lill-Kummissjoni. Sabiex jiġu stabbiliti żoni protetti b'mod aktar effettiv, għandu jkun possibbli li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tkun tista' tistabbilixxihom fi pjan pluriennali u, sabiex jiġi żgurat livell adegwat responsabbiltà u kontroll demokratiku, il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dawk iż-żoni protetti.

(23) L-għan tal-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jintlaħaq b'mod iżjed effettiv permezz ta' approċċ pluriennali għall-ġestjoni tas-sajd, li jistabbilixxi bħala prijorità pjanijiet pluriennali li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet ta' setturi differenti tas-sajd.

(24) Il-pjanijiet pluriennali għandhom fejn ikun possibbli jkopru diversi stokkijiet fejn dawk l-istokkijiet jiġu sfruttati flimkien. Il-pjanijiet pluriennali għandhom jistabbilixxu l-qafas għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u l-ekosistemi tal-baħar ikkonċernati, billi jiddefinixxu skedi ta' żmien ċari u mekkaniżmi ta' salvagwardja għal żviluppi mhux previsti. Il-pjanijiet pluriennali għandhom ukoll ikunu regolati minn objettivi ta' ġestjoni definiti b'mod ċar sabiex jikkontribwixxu għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar ikkonċernati. Dawk il-pjanijiet għandhom jiġu adottati f'konsultazzjoni ma' Kunsilli Konsultattivi, operaturi fl-industrija tas-sajd, xjentisti u partijiet interessati oħrajn li jkollhom interess fil-ġestjoni tas-sajd.

(25) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]) u d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jimponu ċerti obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' żoni ta' protezzjoni speċjali, żoni speċjali ta' konservazzjoni u żoni protetti tal-baħar, rispettivament. Tali miżuri jistgħu jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri li jaqgħu taħt il-PKS. Huwa, għalhekk, xieraq li l-Istati Membri jiġu awtorizzati jadottaw, fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom, tali miżuri ta' konservazzjoni li huma meħtieġa għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont dawk l-atti tal-Unjoni fejn tali miżuri ma jaffettwawx l-interessi tas-sajd ta' Stati Membri oħra. Fejn tali miżuri jistgħu jaffettwaw l-interessi tas-sajd ta' Stati Membri oħra, is-setgħa li tiġi adottata tali miżura għandha tingħata lill-Kummissjoni u għandu jsir rikors għal kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri kkonċernati.

(26) Huma meħtieġa miżuri sabiex jitnaqqsu l-livelli għolja preżenti ta' qabdiet mhux mixtieqa u jiġi gradwalment eliminat l-iskartar tal-ħut. Fil-fatt, il-qabdiet mhux mixtieqa u l-iskartar tal-ħut jikkostitwixxu skart sostanzjali u jaffettwaw ħażin l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ekosistemi marittimi kif

([1]) Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.07.1992, p. 7).

ukoll il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd. Għandu jiġi stabbilit u gradwalment implimentat obbligu ta' ħatt l-art (l-"obbligu ta' ħatt l-art") għall-qabdiet kollha ta' speċijiet li huma soġġetti għal limitu ta' qbid, u fil-Mediterran anki qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi, li jsiru waqt attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, u għandhom jitħassru r-regoli li sa issa obbligaw lis-sajjieda biex jarmu.

(27) L-obbligu ta' ħatt l-art għandu jiġi introdott abbażi ta' kull attività tas-sajd individwalment. Is-sajjieda għandhom jitħallew ikomplu jiskartaw dawk l-ispeċijiet li, skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, għandhom rata ta' sopravivenza għolja meta jiġu rilaxxati fil-baħar.

(28) Sabiex ikun implementabbli l-obbligu ta' ħatt l-art u sabiex jittaffa l-effett ta' kompożizzjonijiet li jvarjaw tal-qabdiet annwali, l-Istati Membri għandhom jitħallew jittrasferixxu kwoti bejn is-snin, sa ċertu perċentwal.

(29) Fil-ġestjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex inaqqsu qabdiet mhux mixtieqa. Għal dan il-għan, it-titjib fit-tekniki tas-sajd selettiv biex jiġu evitati u jitnaqqsu, safejn possibbli, il-qabdiet mhux mixtieqa għandu jkollu prijorità għolja. Huwa importanti li l-Istati Membri jqassmu l-kwoti bejn bastimenti f'taħlita li tirrifletti kemm jista' jkun possibbli l-kompożizzjoni mistennija ta' speċijiet fis-sajd. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn kwoti disponibbli u x-xejra tas-sajd attwali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw aġġustamenti permezz ta' tpartit ta' kwoti ma' Stati Membri oħra, inkluż fuq bażi permanenti. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll il-faċilitazzjoni tal-ġbir b'mod akkomunat ta' kwoti individwali mis-sidien tal-bastimenti pereżempju, fil-livell tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi jew fi gruppi ta' sidien tal-bastimenti. Fl-aħħarnett l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-għadd ta' speċijiet maqbuda inċidentalment meta mqabbla mal-kwota tal-ispeċijiet immirati, skont is-sitwazzjoni tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet maqbuda inċidentalment.

(30) Id-destinazzjoni tal-ħatt l-art ta' qabdiet ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, għandha tkun limitata u għandha teskludi l-bejgħ għall-konsum mill-bniedem.

(31) Sabiex jiġu trattati qabdiet inċidentali li mhumiex evitabbli saħansitra meta jiġu applikati l-miżuri kollha biex dawn jitnaqqsu, ċerti eżenzjonijiet de minimis mill-obbligu ta' ħatt l-art għandhom jiġu stabbiliti għal sajd li għalih japplika l-obbligu ta' ħatt l-art, primarjament permezz ta' pjanijiet pluriennali.

(32) Soġġett għal parir xjentifiku u mingħajr ma jiġu pperikolati l-objettivi tar-rendiment massimu sostenibbli u mingħajr ma tiżdied il-mortalità mis-sajd, fejn ikun japplika l-obbligu tal-ħatt l-art inkluża l-obbligazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-qabdiet, għandha tkun possibbli żieda ta' opportunitajiet tas-sajd relatati, sabiex jitqies il-fatt li ħut li preċedentement kien jiġi skartat issa ser jinħatt l-art.

(33) L-aċċess għal żona tas-sajd għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u oġġettivi inkluż dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika. L-Istati Membri għandhom jippromwovu sajd responsabbli billi jipprovdu inċentivi li dawk l-operaturi li jistadu bl-anqas mod li jagħmel ħsara ambjentali u li jipprovdu l-akbar benefiċċji għas-soċjetà.

(34) Għal stokkijiet li għalihom ma ġie stabbilit l-ebda pjan pluriennali, għandhom jiġu żgurati rati ta' sfruttament li jagħtu rendiment massimu sostenibbli billi jiġu stabbiliti limiti ta' qbid u/jew tal-isforz tas-sajd. Jekk ma jkunx hemm biżżejjed data disponibbli, l-azjendi tas-sajd għandhom ikunu ġestiti bl-użu ta' parametri approssimattivi.

(35) Minħabba l-qagħda ekonomika prekarja tal-industrija tas-sajd u d-dipendenza ta' ċerti komunitajiet kostali fuq is-sajd, huwa neċessarju li tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Membri, fuq il-bażi ta' sehem prevedibbli tal-istokkijiet għal kull Stat Membru.

(36) Tali stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd, minħabba s-sitwazzjoni bijoloġika temporanja tal-istokkijiet, għandha thares u tieħu kont sħiħ tal-ħtiġijiet partikolari ta' reġjuni fejn il-komunitajiet lokali jiddipendu b'mod partikolari fuq is-sajd u l-attivitajiet relatati kif deċiż mill-Kunsill fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Novembru 1976 ([1]), u b'mod partikolari l-Anness VII tagħha.

(37) Għalhekk, huwa f'dan is-sens li għandu jinftiehem il-kunċett ta' stabbiltà relattiva.

(38) Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta miżuri temporanji f'każ ta' theddida serja, li tkun teħtieġ azzjoni immedjata, għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar li tirriżulta minn attivitajiet tas-sajd. Dawk il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti fi ħdan skedi ta' żmien definiti u għandhom ikunu operattivi għal perijodu fiss ta' żmien.

([1]) Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 1976, dwar ċerti aspetti esterni tal-ħolqien ta' żona tas-sajd ta' 200 mil fil-Komunità b'effett mill-1 ta' Jannar 1977 (ĠU C 105, 7.5.1981, p. 1).

(39) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw fil-livell reġjonali sabiex jadottaw rakkomandazzjonijiet konġunti u strumenti oħra għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni u miżuri li jaffettwaw l-attività tas-sajd f'żoni protetti taħt il-liġi ambjentali. Fil-qafas tal-kooperazzjoni reġjonali, il-Kummissjoni għandha tadotta biss miżuri ta' konservazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni jew atti delegati fejn l-Istati Membri kollha konċernati f'reġjun jaqblu dwar rakkomandazzjoni konġunta. Fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni konġunta, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għall-miżuri rilevanti f'konformità mat-Trattat.

(40) L-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal stokkijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni li jkunu applikabbli biss għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom.

(41) Fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku tagħhom, l-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni applikabbli għall-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni, bil-kondizzjoni li, fejn tali miżuri japplikaw għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni minn Stati Membri oħra, il-miżuri adottati ma jkunux diskriminatorji, tkun saret konsultazzjoni minn qabel ma' Stati Membri oħra kkonċernati u l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw speċifikament il-konservazzjoni u l-ġestjoni fi ħdan iż-żona kkonċernata ta' 12-il mil nawtiku.

(42) L-Istati Membri għandhom jitħallew jintroduċu sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli.

(43) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri speċifiċi biex jallinjaw in-numru ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni mar-riżorsi disponibbli, abbażi tal-valutazzjonijiet tagħhom dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotot tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom. Il-valutazzjonijiet għandhom isiru f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni u jiġu preżentati f'rapport annwali li jrid jiġi trasmess lill-Kummissjoni. Dawk ir-rapporti annwali għandhom isiru pubbliċi. Kull Stat Membru għandu jkun jista' jagħżel il-miżuri u strumenti li jixtieq jadotta biex inaqqas il-kapaċità eċċessiva ta' sajd.

(44) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-ġestjoni u l-aġġustament tal-kapaċità tas-sajd, għandhom jinżammu limiti massimi obbligatorji għall-kapaċità tal-flotta u skemi nazzjonali ta' dħul/ħruġ fir-rigward tal-finanzjament għall-irtirar mis-servizz.

(45) L-Istati Membri għandhom jirreġistraw l-informazzjoni minima dwar il-karatteristiċi u l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom. Dawk ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni sabiex timmonitorja d-daqs tal-flotot tal-Istati Membri.

(46) Ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli tirrikjedi settijiet ta' data armonizzati, affidabbli u preċiżi. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar il-flotot u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, b'mod partikolari data dwar il-qabdiet, inkluż l-iskartar tal-ħut, informazzjoni minn stħarriġ dwar l-istokkijiet tal-ħut u dwar l-impatt ambjentali potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu u jagħmlu d-data miġbura disponibbli għall-utenti finali, u partijiet interessati oħrajn. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni sabiex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' ġbir tad-data. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ukoll ma' pajjiżi terzi dwar il-ġbir tad-data. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, għall-valutazzjoni tagħha, rapport annwali dwar l-attivitajiet ta' ġbir tad-data tagħhom, li għandhom isiru pubbliċi.

(47) Il-ġbir tad-data għandu jinkludi data li tiffaċilita l-valutazzjoni ekonomika ta' impriżi attivi fis-settur tas-sajd, fl-akkwakultura u fl-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u tax-xejriet tal-impjiegi f'dawn l-industriji.

(48) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd (STECF) kif stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE ([1]) jista' jiġi kkonsultat dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi bijoloġiċi marittimi, sabiex tiġi żgurata l-assistenza neċessarja ta' persunal xjentifiku kwalifikat ferm, partikolarment fl-applikazzjoni ta' dixxiplini bijoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tekniċi.

(49) Ix-xjenza tas-sajd orjentata lejn il-politika għandha tiġi msaħħa permezz ta' programmi adottati b'mod nazzjonali ta' ġbir ta' data xjentifika dwar is-sajd, ir-riċerka u l-innovazzjoni flimkien ma' Stati Membri oħra kif ukoll fi ħdan l-oqfsa tal-Unjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni. Għandha wkoll titrawwem kooperazzjoni aħjar bejn l-industrija u x-xjentisti.

(50) L-Unjoni għandha tippromwovi l-objettivi tal-PKS internazzjonalment, u tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni huma bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli taħt il-liġi tal-Unjoni, u tippromwovi kondizzjonijiet ugwali għal operaturi mill-Unjoni u operaturi minn pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha tkun fuq quddiem

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE tas-26 ta' Awwissu 2005 li jistabbilixxi Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18).

fil-proċess tat-tisħiħ tal-prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali biex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jikkonservaw u jiġġestixxu r-riżorsi ħajjin tal-baħar taħt ir-responsabbiltà tagħhom, inkluż il-ġlieda kontra sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU). L-Unjoni għandha tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex iżżid il-konformità ma' miżuri internazzjonali, inkluża l-ġlieda kontra l-IUU. Il-pożizzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu msejsa fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

(51) Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u skambju ta' informazzjoni rilevanti, li jiżgura sfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, trasparenza fir-rigward tad-determinazzjoni tal-aċċess u, konsegwentement, ġestjoni tar-riżorsi li hija konsistenti mal-objettivi tal-PKS. Il-ftehimiet li jipprevedu aċċess għal riżorsi li jikkorrispondi għall-interessi tal-flotta tal-Unjoni fi skambju ma' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni, għandhom jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' qafas ta' governanza ta' kwalità għolja biex jiżguraw b'mod partikolari miżuri ta' ġbir tad-data, monitoraġġ, kontroll u sorveljanza effikaċi.

(52) Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u strumenti internazzjonali rilevanti oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, u lejn il-prinċipju tal-istat tad-dritt, għandu jikkostitwixxi element essenzjali ta' ftehimiet ta' sħubija fis-sajd sostenibbli, li għandhom jinkludu klawżola speċifika dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-introduzzjoni ta' klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli għandha tkun konsistenti għalkollox mal-għanijiet ġenerali tal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp.

(53) L-akkwakultura għandha tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tal-potenzjal tal-produzzjoni tal-ikel fuq bażi sostenibbli mal-Unjoni kollha biex tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel, inklużi l-provvisti tal-ikel, kif ukoll it-tkabbir u l-impjiegi fit-tul għaċ-ċittadini tal-Unjoni, u għandha tikkontribwixxi biex tkun sodisfatta d-domanda dinjija dejjem tikber għal ikel akkwatiku.

(54) L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea adottata fl-2009, li kienet milqugħa u approvata mill-Kunsill u milqugħa mill-Parlament Ewropew, innotat il-ħtieġa għall-ħolqien u l-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ekwi għall-akkwakultura bħala l-bażi għall-iżvilupp sostenibbli tagħha.

(55) L-attivitajiet tal-akkwakultura fl-Unjoni huma influwenzati minn kondizzjonijiet differenti f'pajjiżi differenti, fost l-oħrajn dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi. Għalhekk il-linji gwida strateġiċi tal-Unjoni għal pjanijiet strateġiċi nazzjonali għandhom jiġu żviluppati biex titjieb il-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura, b'appoġġ għall-iżvilupp tagħha u l-innovazzjoni tagħha, u l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika, id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u interni. Barra minn hekk, għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi bejn l-Istati Membri għall-iskambju bejn l-Istati Membri ta' informazzjoni u tal-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali dwar is-sigurtà tan-negozju, l-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju tal-Unjoni, u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' liċenzjar.

(56) In-natura speċifika tal-akkwakultura titlob Kunsill Konsultattiv għal konsultazzjoni mal-partijiet interessati dwar elementi tal-politiki tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw l-akkwakultura.

(57) Hemm bżonn li tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni u li jkun hemm simplifikazzjoni b'appoġġ għal ġestjoni aħjar tal-attivitajiet ta' produzzjoni u kummerċ ta' dak is-settur. L-organizzazzjoni komuni tas-suq għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għandha tiżgura kondizzjonijiet ekwi għall-prodotti kollha tas-sajd u l-akkwakultura kummerċjalizzati fl-Unjoni, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, għandha tippermetti li l-konsumaturi jagħmlu għażliet informati aħjar u tappoġġa l-konsum responsabbli u għandha ttejjeb l-għarfien u l-fehim ekonomiku tas-swieq tal-Unjoni matul il-katina tal-provvista.

(58) L-organizzazzjoni komuni tas-suq għandha tiġi implimentata f'konformità mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(59) Sabiex tiġi żgurata konformità mar-regoli tal-PKS, għandha tiġi stabbilita sistema effettiva ta' kontroll, ispezzjoni u infurzar, inkluża l-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU.

(60) L-użu ta' teknoloġiji moderni u effettivi għandu jiġi promoss fil-qafas tas-sistema ta' kontroll, ispezzjoni, u infurzar tal-Unjoni. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikollhom il-possibbiltà li jwettqu proġetti pilota fuq teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda.

(61) Sabiex jiġu żgurati jkunu komparabbli l-kondizzjonijiet fi Stati Membri differenti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kontroll u l-infurzar, għandha titħeġġeġ il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri dwar l-identifikazzjoni ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(62) Sabiex jiżguraw l-involviment tal-operaturi fil-ġbir tad-data fl-Unjoni u fis-sistema ta' kontroll, ispezzjoni, u infurzar tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-operaturi tagħhom jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-ispejjeż operattivi korrispondenti.

(63) L-għanijiet tal-PKS ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom minħabba l-problemi li jiltaqgħu magħhom fl-iżvilupp tal-industrija tas-sajd u l-ġestjoni tagħha, u l-limiti fuq ir-riżorsi finanzjarji tal-Istati Membri. Għalhekk, sabiex ikun hemm kontribut għall-kisba ta' dawn l-għanijiet, għandha tingħata għajnuna finanzjarja pluriennali tal-Unjoni li tkun iffukata fuq il-prijoritajiet tal-PKS u mfassla għall-karatteristiċi speċifiċi tal-industrija tas-sajd fi Stati Membri individwali.

(64) L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tkun kondizzjonali fuq il-konformità mill-Istati Membri u l-operaturi, inklużi sidien ta' bastimenti, mar-regoli tal-PKS. Skont ir-regoli speċifiċi li għandhom jiġu adottati, għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi interrotta, sospiża jew korretta f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' obbligu speċifiku skont il-PKS minn Stat Membru jew ksur serju ta' dawk ir-regoli minn operatur.

(65) Irriżulta li d-djalogu mal-partijiet interessati kien essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS. Filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet differenti fl-ilmijiet tal-Unjoni u ż-żieda fir-reġjonalizzazzjoni tal-PKS, il-Kunsilli Konsultattivi għandhom jippermettu, fl-implimentazzjoni tal-PKS, li tibbenefika mill-konoxxenza u l-esperjenza tal-partijiet kollha interessati.

(66) Fid-dawl tal-karatteristiċi speċjali tar-reġjuni ultra-periferiċi, tal-akkwakultura, tas-swieq u tal-Baħar l-Iswed, huwa xieraq li jiġi stabbilit Kunsill Konsultattiv għal kull wieħed minnhom.

(67) Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri ta' konservazzjoni li jakkumpanjaw ċerti obbligi ambjentali mill-Istati Membri, l-adattament tal-obbligu ta' ħatt l-art bl-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, l-estensjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal speċijiet oħrajn permezz tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni, l-adozzjoni ta' pjanijiet speċifiċi għall-iskartar bl-użu tal-proċess ta' reġjonalizzazzjoni, l-adozzjoni ta' eżenzjonijiet de minimis għall-obbligu ta' ħatt l-art jekk ma tkun ġiet adottata l-ebda miżura ta' implimentazzjoni oħra għal dak l-obbligu, u l-istabbiliment ta' regoli dettaljati għall-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, anke f'livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ssir trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(68) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' miżuri temporanji sabiex tittaffa theddida serja għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-iskemi ta' dħul/ħruġ fil-ġestjoni tal-flotta, u r-reġistrazzjoni, il-format u t-trasmissjoni tad-data għar-reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(69) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet tiegħu.

(70) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([2]) għandha titħassar malli jidħlu fis-seħħ ir-regoli korrispondenti skont dan ir-Regolament.

(71) Minħabba l-għadd u l-importanza tal-emendi li għandhom isiru, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 għandu jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## PARTI I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) għandha tkopri:

(a) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ġestjoni ta' sajd u flotot li jisfruttaw tali riżorsi,

(b) fir-rigward tal-miżuri dwar is-swieq u miżuri finanzjarji b'appoġġ tal-implimentazzjoni tal-PKS: ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu, l-akkwakultura, u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.

2. Il-PKS għandha tkopri l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 fejn dawn jitwettqu:

(a) fit-territorju tal-Istati Membri li għalihom japplika t-Trattat;

(b) fl-ilmijiet tal-Unjoni, inkluż minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta', u jkunu rreġistrati f'pajjiżi terzi;

(c) minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni;

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17).

(d) minn ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera.

*Artikolu 2*

**Objettivi**

1. Il-PKS għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura huma ambjentalment sostenibbli fit-tul u huma ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ta' impjieg, u li jingħata kontribut għad-disponibbiltà ta' provvisti tal-ikel.

2. Il-PKS għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament ta' riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli.

Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' ripristinar b'mod progressiv u tażżamma tal-istokkijiet tal-ħut f'livelli superjuri għal livelli ta' bijomassa li jkunu kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha, fejn possibbli, tintlaħaq sal-2015 u, fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha.

3. Il-PKS għandha timplimenta l-approċċ ibbażat fuq l–ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd sabiex tiżgura li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar ikunu minimizzati, u għandha tirsisti sabiex tiżgura li attivitajiet ta'akkwakultura u sajd jevitaw id-degradazzjoni tal-ambjent marittimu.

4. Il-PKS għandha tikkontribwixxi għall-ġbir ta' data xjentifika.

5. Il-PKS għandha, b'mod partikolari:

(a) telimina b'mod gradwali l-iskart fuq bażi ta' każ b'każ u b'kont meħud tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, billi tevita u tnaqqas, safejn possibbli, il-qbid inċidentali, u billi gradwalment tiżgura li l-qbid jinħatt l-art;

(b) fejn meħtieġ, tuża bl-aħjar mod il-qabdiet inċidentali, mingħajr ma toħloq suq għal dawn il-qabdiet li huma taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni;

(c) tipprovdi kondizzjonijiet għal industrija tas-sajd għall-qbid u l-ipproċessar ekonomikament vijabbli u kompetittiva u attività ta' sajd relatata bbażata fuq l-art;

(d) tipprovdi miżuri għall-aġġustament tal-kapaċità tal-flotot għal-livell ta' opportunitajiet ta' sajd konsistenti mal-Artikolu 2(2), sabiex il-flotot ikunu ekonomikament vijabbli mingħajr ma jisfruttaw eċċessivament r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;

(e) tippromwovi l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli fl-Unjoni biex tikkontribwixxi għall-provvisti u s-sigurtà tal-ikel u l-impjiegi;

(f) tikkontribwixxi għal standard tal-għajxien ġust għal dawk li jiddipendu mill-attivitajiet tas-sajd, filwaqt li jittieħed kont tas-sajd kostali u l-aspetti soċjoekonomiċi;

(g) tikkontribwixxi għal suq intern effiċjenti u trasparenti għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u tikkontribwixxi sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet indaqs għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura kummerċjalizzati fl-Unjoni;

(h) jittieħed kont tal-interessi kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-produtturi;

(i) tippromwovi attivitajiet ta' sajd kostali, b'kont meħud tal-aspetti soċjoekonomiċi;

(j) tkun koerenti mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-objettiv li jinkiseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE kif ukoll ma' politiki oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Prinċipji ta' governanza tajba**

Il-PKS għandha tkun iggwidata mill-prinċipji ta' governanza tajba li ġejjin:

(a) definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fil-livelli tal-Unjoni, reġjonali, nazzjonali u lokali;

(b) b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet reġjonali permezz ta' approċċ reġjonalizzat;

(c) l-istabbiliment ta' miżuri skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(d) perspettiva fit-tul;

(e) kosteffiċjenza amministrattiva;

(f) involviment adegwat tal-partijiet interessati, b'mod partikolari tal-Kunsilli Konsultattivi, fl-istadji kollha - mill-konċepiment sal-implimentazzjoni tal-miżuri;

(g) ir-responsabbiltà primarja tal-Istat tal-bandiera;

(h) konsistenza mal-politiki l-oħrajn tal-Unjoni,

(i) l-użu ta' valutazzjonijiet tal-impatt skont il-każ;

(j) koerenza bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-PKS;

(k) trasparenza fit-trattament tad-data f'konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti, bir-rispett debitu għall-ħajja privata, il-protezzjoni tad-data personali u regoli dwar il-kunfidenzjalità, disponibbiltà tad-data għall-korpi xjentifiċi adegwati, korpi oħrajn b'interess xjentifiku jew ta' ġestjoni, u utenti aħħarin definiti oħrajn.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-għan ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'ilmijiet tal-Unjoni' tfisser l-ilmijiet taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ħlief l-ilmijiet li jmissu mat-territorji msemmija fl-Anness II għat-Trattat;

(2) 'riżorsi bijoloġiċi tal-baħar' tfisser speċijiet akkwatiċi tal-baħar ħajjin li huma disponibbli u aċċessibbli, inklużi speċijiet anadromi u katadromi matul il-ħajja tagħhom fil-baħar;

(3) 'riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu' tfisser speċijiet akkwatiċi ħajjin tal-ilma ħelu li huma disponibbli u aċċessibbli;

(4) 'bastiment tas-sajd' tfisser kwalunkwe bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew nassa tat-tonn;

(5) 'bastiment tas-sajd tal-Unjoni' tfisser bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(6) 'dħul fil-flotta tas-sajd' tfisser reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd ta' Stat Membru;

(7) 'rendiment massimu sostenibbli' tfisser l-akbar rendiment teoretiku ta' ekwilibriju li jista' jittieħed kontinwament bħala medja minn stokk f'kondizzjonijiet ambjentali eżistenti medji mingħajr ma jiġi affettwat b'mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni;

(8) 'approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd', kif imsemmi fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tan-NU dwar -Istokkijiet tal-Ħut, tfisser approċċ li skontu n-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika adegwata m'għandux jiġġustifika l-posponiment jew in-nuqqas ta' teħid ta' miżuri ta' ġestjoni sabiex jiġu kkonservati l-ispeċijiet fil-mira, speċijiet assoċjati jew dipendenti u speċijiet mhux fil-mira u l-ambjent tagħhom;

(9) 'approċċ għall-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistema' jfisser approċċ integrat għall-ġestjoni tas-sajd f'limiti ekoloġikament sinifikanti li jfittex li jiġġestixxi l-użu ta' riżorsi naturali, b'kont meħud tas-sajd u attivitajiet oħra tal-bniedem, filwaqt li jippreserva kemm il-ġid bijoloġiku kif ukoll il-proċessi bijoloġiċi meħtieġa biex tiġi mħarsa l-kompożizzjoni, l-istruttura u t-tħaddim tal-ambjenti naturali tal-ekosistema affetwata, billi jqis l-għarfien u l-inċertezzi fir-rigward tal-komponenti bijotiċi, abijotiċi u dawk umani tal-ekosistemi;

(10) 'skartar' tfisser qabdiet li jerġgħu jintefgħu lura fil-baħar;

(11) 'impatt baxx tas-sajd' tfisser l-użu ta' tekniki selettivi tas-sajd li jkollhom impatt detrimentali minimu fuq l-ekosistemi tal-baħar jew li jistgħu jirriżultaw f'emissjonijiet baxxi ta' karburant, jew it-tnejn f'daqqa;

(12) 'sajd selettiv' tfisser sajd b'metodi ta' sajd jew irkapti tas-sajd li jimmiraw għal organiżmi u jaqbduhom skont id-daqs jew l-ispeċi tagħhom matul l-operazzjoni tas-sajd, li jippermettu li l-kampjuni li ma jkunux fil-mira jiġu evitati jew rilaxxati mingħajr dannu;

(13) 'rata ta' mortalità mis-sajd' tfisser ir-rata li biha l-bijomassa jew individwi li jitneħħew minn stokk permezz ta' attivitajiet ta' sajd f'perijodu partikolari;

(14) 'stokk' tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tkun tinsab f'żona ta' ġestjoni partikolari;

(15) 'limitu ta' qbid' tfisser, skont il-każ, jew limitu kwantitattiv fuq qabdiet ta' stokk tal-ħut jew grupp ta' stokkijiet tal-ħut fuq perijodu speċifiku fejn stokkijiet ta' ħut jew gruppi ta' stokkijiet bħal dawn huma soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art, jew limitu kwantitattiv fuq il-ħatt l-art ta' stokk ta' ħut jew grupp ta' stokkijiet ta' ħut fuq perijodu partikolari li għalih ma japplikax l-obbligu ta' ħatt l-art;

(16) 'punt ta' referenza għall-konservazzjoni' tfisser il-valuri ta' parametri tal-popolazzjoni ta' stokk ta' ħut (bħall-bijomassa jew ir-rata ta' mortalità mis-sajd) użati fil-ġestjoni tas-sajd, pereżempju fir-rigward ta' livell aċċettabbli ta' riskju bijoloġiku jew livell mixtieq ta' rendiment;

(17) 'daqs ta' referenza minimu ta' konservazzjoni' tfisser id-daqs ta' speċi akkwatika ħajja tal-baħar, b'kont meħud tal-maturità, kif stabbilit mil-liġi tal-Unjoni, li taħtu japplikaw restrizzjonijiet u inċentivi li jkollhom l-għan li jevitaw il-qbid permezz ta' attività tas-sajd; dan id-daqs, fejn rilevanti, jieħu post id-daqs minimu ta' ħatt l-art;

(18) 'stokk fil-limiti bijoloġiċi sikuri' tfisser stokk li hu probabbli ħafna li l-bijomassa stmata ta' stokk riproduttiv tiegħu fl-aħħar tas-sena preċedenti tkun ogħla mill-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa (Blim) u r-rata stmata tiegħu ta' mortalità mis-sajd għas-sena preċedenti tkun inqas mill-punt ta' referenza limitu tar-rata ta' mortalità (Flim);

(19) 'salvagwardja' tfisser miżura prekawzjonarja maħsuba biex jiġi evitat li sseħħ xi ħaġa mhux mixtieqa;

(20) 'miżura teknika' tfisser miżura li tirregola l-kompożizzjoni tal-qabdiet abbażi tal-ispeċi u d-daqs u l-impatti fuq komponenti tal-ekosistemi li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd billi jkunu stabbiliti l-kondizzjonijiett għall-użu u l-istruttura tal-irkaptu tas-sajd u r-restrizzjonijiet tal-aċċess għal żoni tas-sajd;

(21) ‘sforz tas-sajd’ tfisser il-prodott tal-kapaċità u l-attività ta’ bastiment tas-sajd; għal grupp ta’ bastimenti tas-sajd ikun it-total tal-isforz tas-sajd tal-bastimenti kollha fil-grupp;

(22) 'Stat Membru li jkollu interess ta’ ġestjoni dirett' tfisser Stat Membru li għandu interess li jikkonsisti jew f’opportunitajiet ta’ sajd jew minn sajd li jsir fiż-żona ekonomika esklussiva tal-Istat Membru kkonċernat, jew, fil-Baħar Mediterran, minn sajd tradizzjonali f’ibħra miftuħa;

(23) 'konċessjoni trasferibbli tas-sajd' tfisser dritt revokabbli talutenti għal parti speċifika tal-opportunitajiet tas-sajd allokati lil Stat Membru jew stabbiliti f’pjanijiet ta’ ġestjoni adottati minn Stat Membru skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 [1], li d-detentur jista’ jittrasferixxi;

(24) 'kapaċità tas-sajd' tfisser it-tunnellaġġ ta’ bastiment f’TG (Tunnellaġġ Gross) u l-qawwa tiegħu f’kW (Kilowatt) kif definit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 [2];

(25) 'akkwakultura' tfisser it-tkabbir u l-kultivazzjoni ta’ organiżmi akkwatiċi bl-użu ta’ tekniki mfassla biex tiżdied il-produzzjoni tal-organiżmi inkwistjoni lil hinn mill-kapaċità naturali tal-ambjent, fejn l-organiżmi jibqgħu l-proprjetà tal-persuna fiżika jew ġuridika matul l-istadju tat-tkabbir u tal-kultivazzjoni, sa u inkluż il-ħsad;

(26) 'liċenzja tas-sajd' tfisser liċenzja kif definita fil-punt (9) tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 [3];

(27) 'awtorizzazzjoni tas-sajd' tfisser awtorizzazzjoni kif definita fil-punt (10) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(28) 'attività tas-sajd' tfisser tiftix għall-ħut, l-isparar, il-kalar, l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f’gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta’ ħut u prodotti tas-sajd;

(29) 'prodotti tas-sajd' tfisser organiżmi akkwatiċi li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd jew prodotti li joriġinaw minnha;

(30) 'operatur' tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li twettaq xi waħda mill-attivitajiet relatati ma’ xi stadju tal-produzzjoni, l-ipproċessar, it-tqegħid fis-suq, il-ktajjen ta’ distribuzzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

(31) 'ksur serju' tfisser ksur li huwa definit bħala tali fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, inklużi l-Artikolu 42(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 [4] u l-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(32) 'utent finali ta’ data xjentifika' tfisser korp b’interess ta’ riċerka jew ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta’ data fis-settur tas-sajd;

(33) 'aċċess tal-qabda permissibbli' tfisser dik il-parti tal-qabda permissibbli li Stat kostali ma jkollux il-kapaċità li jistad matul perijodu partikolari ta’ żmien, li jirriżulta f’rata ta’ sfruttament globali għall-istokkijiet individwali li tinżamm taħt il-livelli li fihom l-istokkijiet kapaċi jreġġgħu lura lilhom infushom għal li kienu u ż-żamma ta’ popolazzjonijiet ta’ speċijiet maqbuda ’l fuq mil-livelli mixtieqa abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(34) 'prodotti tal-akkwakultura' tfisser organiżmi akkwatiċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tal-akkwakultura jew prodotti li joriġinaw minnhom;

(35) ’bijomassa ta’ stokk riproduttiv tfisser stima tal-massa tal-ħut ta’ stokk partikolari li jirriproduċi fi żmien definit, li jinkludi ħut kemm irġiel kif ukoll nisa u ħut li jirriproduċi bit-tifriħ;

(36) 'sajd imħallat' tfisser sajd li fih tkun preżenti iżjed minn speċi waħda u fejn x’aktarx li jinqabdu speċijiet differenti fl-istess operazzjoni tas-sajd;

(37) 'ftehim ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli' tfisser ftehim internazzjonali konkluż ma’ Stat terz għall-fini li jinkiseb aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi sabiex jiġi sfruttat b’mod sostenibbli sehem tar-riżorsi bijoloġiċi żejda tal-baħar, bi skambju għal kumpens finanzjarju mill-Unjoni li jista’ jinkludi appoġġ settorjali.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta’ Diċembru 2006 dwar miżuri ta’ ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta’ riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u r-Regolament (KE) Nru 973/2001 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/94 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11).

[2] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta’ Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd (ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1).

[3] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal- 20 ta’ Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad- 29 ta’ Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi li ġejjin ta' dawn iż-żoni ġeografiċi:

(a) 'Baħar tat-Tramuntana' tfisser iż-żoni ICES ([1]) IIIa u IV;

(b) 'Baħar Baltiku' tfisser iż-żoni ICES IIIb, IIIc u IIId;

(c) 'Ilmijiet tal-Majjistral' tfisser iż-żoni ICES V (eskluż Va u l-ilmijiet tal-Unjoni ta' Vb biss), VI u VII;

(d) 'Ilmijiet tal-Lbiċ' tfisser żoni ICES VIII, IX u X (ilmijiet madwar l-Azores), u żoni CECAF ([2]) 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ilmijiet madwar il-Madeira u l-Gżejjer Kanarji);

(e) 'Baħar Mediterran' tfisser l-Ilmijiet Marittimi tal-Mediterran lejn il-Lvant mil-linja 5°36' Punent;

(f) 'Baħar l-Iswed' tfisser is-subżona ġeografika tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran) kif definita fir-Riżoluzzjoni GFCM/33/2009/2.

PARTI II

## AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET

*Artikolu 5*

### Regoli ġenerali dwar l-aċċess għal ilmijiet

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikollhom aċċess indaqs għall-ilmijiet u r-riżorsi fl-ilmijiet kollha tal-Unjoni għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3, suġġett għall-miżuri adottati skont il-Parti III.

2. Fl-ilmijiet sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati, sal-31 ta' Diċembru 2022 li jillimitaw is-sajd għal bastimenti tas-sajd li tradizzjonalment jistadu f'dawk l-ilmijiet minn portijiet fuq il-kosta maġenb, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera ta' Stati Membri oħra skont relazzjonijiet eżistenti dwar il-viċinat bejn l-Istati Membri u l-arranġamenti li jinsabu fl-Anness I, li jistabbilixxu għal kull Stat Membru ż-żoni ġeografiċi fi ħdan il-faxex kostali ta' Stati Membri oħra fejn isiru attivitajiet tas-sajd u l-ispeċijiet ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu.

3. Fl-ilmijiet sa 100 mil nawtiku mil-linji bażi tar-reġjuni ultra-periferiċi tal-Unjoni msemmijin fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat, l-Istati Membri kkonċernati huma awtorizzati, sal-31 ta' Diċembru 2022, li jillimitaw is-sajd għal bastimenti rreġistrati fil-portijiet ta' dawk it-territorji. Dawn ir-restrizzjonijiet mhux ser japplikaw għall-bastimenti tal-UE li tradizzjonalment kienu jistadu f'dawn l-ilmijiet, sakemm ma jaqbżux l-isforz tas-sajd li kienu jwettqu tradizzjonalment. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-restrizzjonijiet imdaħħla skont dan il-paragrafu.

4. Il-miżuri li għandhom japplikaw wara l-iskadenza tal-arranġamenti stipulati fil-paragrafu 2 u 3 għandhom jiġu adottati sal-31 ta' Diċembru 2022.

PARTI III

## MIŻURI GĦALL-KONSERVAZZJONI U SFRUTTAMENT SOSTENIBBLI TA' RIŻORSI BIJOLOĠIĊI TAL-BAĦAR

*TITOLU I*

***'Miżuri ta' konservazzjoni***

*Artikolu 6*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-fini li jinkisbu l-objettivi tal-PKS fir-rigward tal-konservazzjoni u sfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif stipulat fl-Artikolu 2 l-Unjoni għandha tadotta miżuri ta' konservazzjoni kif jinsabu fl-Artikolu 7.

2. Meta jiġi applikat dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-korpi konsultattivi rilevanti u l-korpi xjentifiċi rilevanti. Il-miżuri ta' konservazzjoni għandhom jiġu adottati b'kont meħud tal-parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku disponibbli, inklużi, fejn rilevanti, rapporti mfassla mis-STECF u korpi konsultattivi oħra, pariri mogħtija mill-Kunsilli Konsultattivi u rakkomandazzjonijiet konġunti magħmulin mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17.

3. L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw flimkien għall-fini tal-adozzjoni ta' miżuri skont l-Artikoli 12, 15 u 17.

4. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw flimkien qabel ma jadottaw il-miżuri nazzjonali skont l-Artikolu 26(2).

5. F'każijiet speċifiċi, b'mod partikolari rigward ir-reġjun tal-Mediterran, l-Istati Membri jistgħu jingħataw is-setgħa li jadottaw atti legalment vinkolanti fil-qasam tal-PKS, inklużi miżuri ta' konservazzjoni. Fejn huwa xieraq għandu japplika l-Artikolu 17.

*Artikolu 7*

### Tipi ta' miżuri ta' konservazzjoni

1. Il-miżuri għall-konservazzjoni u sfruttament sostenibbli ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

(a) pjanijiet pluriennali taħt l-Artikoli 9 u 11;

([1]) Iż-żoni ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

([2]) Iż-żoni CECAF (l-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew iż-Żona ta' sajd prinċipali 34) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li m'humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

(b) miri għall-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet u l-miżuri relatati biex jimminimizzaw l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent marittimu;

(c) miżuri biex jadattaw il-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti tas-sajd għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli;

(d) inċentivi, inklużi dawk ta' natura ekonomika bħal opportunitajiet tas-sajd, biex jippromwovu metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv, l-evitar u t-tnaqqis, sa fejn ikun possibbli, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u għas-sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u riżorsi tas-sajd;

(e) miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd;

(f) miżuri biex jinkisbu l-objettivi tal-Artikolu 15;

(g) daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni;

(h) proġetti pilota dwar tipi alternattivi ta' tekniki għall-ġestjoni tas-sajd u rkapti tas-sajd li jżidu s-selettività jew li jimminimizzaw l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar;

(i) miżuri meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni adottati skont l-Artikolu 12;

(j) miżuri tekniċi kif imsemmija fil-paragrafu 2.

2. Il-miżuri tekniċi jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, dawn li ġejjin:

(a) karatteristiċi tal-irkapti tas-sajd u regoli dwar l-użu tagħhom;

(b) l-ispeċifikazzjonijiet dwar il-kostruzzjoni tal-irkaptu tas-sajd, li jinkludu:

  (i) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex itejbu s-selettività jew jimminimizzaw l-impatt negattiv minn fuq l-ekosistema;

  (ii) modifiki jew apparat addizzjonali sabiex inaqqsu l-qbid mhux mixtieqa ta' speċijiet li jinsabu fil-periklu, mhedda u protetti, kif ukoll sabiex inaqqsu qabdiet oħra mhux mixtieqa;

(c) limitazzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti rkapti tas-sajd, u fuq attivitajiet tas-sajd, f'ċerti żoni jew perijodi;

(d) rekwiżiti għall-bastimenti tas-sajd li jieqfu joperaw f'żona definita għal perijodu minimu definit sabiex jiġu protetti aggregazzjonijiet temporanji ta' speċijiet fil-periklu, ħut riproduttiv, ħut iżgħar mid-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni, u riżorsi oħra vulnerabbli tal-baħar;

(e) miżuri speċifiċi biex jimminimizzaw l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar u ekosistemi tal-baħar, inklużi miżuri biex jevitaw u jnaqqsu kemm jista' jkun qabdiet mhux mixtieqa.

*Artikolu 8*

**L-istabbiliment ta' żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut**

1. L-Unjoni għandha, filwaqt li tieħu kont debitu taż-żoni eżistenti ta' konservazzjoni, tagħmel ħilitha biex tistabbilixxi żoni protetti għal raġunijiet tas-sensittività bijoloġika tagħhom, inklużi ż-żoni fejn hemm evidenza ċara ta' konċentrazzjonijiet qawwija ta' ħut taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni u ta' postijiet fejn ibid il-ħut. F'żoni bħal dawn l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jkunu ristretti jew ipprojbiti sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u ekosistemi tal-baħar. L-Unjoni għandha tkompli tagħti protezzjoni addizzjonali lil żoni bijoloġikament sensittivi eżistenti.

2. Għal dawk il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw, fejn possibbli, żoni adatti li jistgħu jiffurmaw parti minn network koerenti u għandhom iħejju, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 17(7) bil-ħsieb li l-Kummissjoni tippreżenta proposta skont it-Trattat.

3. Il-Kummissjoni tista' tingħata s-setgħa fi pjan pluriennali biex tistabbilixxi tali żona protetta bijoloġikament sensittiva. Għandu japplika l-Artikolu 17 (1) sa (6). Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-żoni protetti.

*TITOLU II*

***Miżuri speċifiċi***

*Artikolu 9*

**Prinċipji u objettivi ta' pjanijiet pluriennali**

1. Il-pjanijiet pluriennali għandhom jiġu adottati bħala prijorità abbażi ta' parir xjentifiku, tekniku u ekonomiku, u għandhom jinkludu miżuri ta' konservazzjoni biex l-istokkijiet tal-ħut jiġu ripristinati u jinżammu 'l fuq minn livelli li jkunu kapaċi jipproduċu rendiment massimu sostenibbli f'konformità mal-Artikolu 2(2).

2. Fejn il-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) ma jkunux jistgħu jiġu determinati minħabba nuqqas ta' data, il-pjanijiet pluriennali għandhom jipprevedu miżuri bbażati fuq approċċ prekawzjonarju, li tal-anqas jiżguraw livell komparabbli ta' konservazzjoni tal-istokkijiet rilevanti.

3. Il-pjanijiet pluriennali għandhom ikopru jew:

(a) speċi unika; jew

(b) fil-każ ta' sajd imħallat jew fejn id-dinamika tal-istokkijiet tkun interdipendenti, is-sajd li jisfrutta diversi stokkijiet f'żona ġeografika rilevanti, b'kont meħud tal-għarfien dwar l-interazzjonijiet bejn l-istokkijiet tal-ħut, is-sajd u l-ekosistemi tal-baħar.

4. Il-miżuri li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet pluriennali, u l-iskeda ta' żmien biex dawn jiġu implimentati, għandhom ikunu proporzjonati għall-objettivi u l-miri ppjanati u l-perijodu ta' żmien previst. Qabel ma l-miżuri jiġu inklużi fil-pjanijiet pluriennali, għandu jittieħed kont tal-impatt ekonomiku u soċjali probabbli tagħhom.

5. Il-pjanijiet pluriennali jistgħu jinkludu objettivi ta' konservazzjoni speċifiċi u miżuri taħt l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, biex jindirizzaw il-problemi speċifiċi ta' sajd imħallat fir-rigward tal-kisba tal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2(2) għat-taħlita ta' stokkijiet koperti mill-pjan f'każijiet fejn il-parir xjentifiku jindika li ma jistgħux jinkisbu żidiet fis-selettività. Fejn ikun meħtieġ, il-pjan pluriennali għandu jinkludi miżuri ta' konservazzjoni alternattivi speċifiċi, taħt l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, għal x'uħud mill-istokkijiet li huwa jkopri.

*Artikolu 10*

**Kontenut tal-pjanijiet pluriennali**

1. B'mod adegwat u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi taħt it-Trattat, pjan pluriennali għandu jinkludi:

(a) l-ambitu, f'termini tal-istokkijiet, is-sajd u ż-żona li għalihom għandu jiġi applikat il-pjan pluriennali;

(b) l-objettivi li huma konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2 u mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli -7 u 9;

(c) miri kwantifikabbli bħal rati ta' mortalità mis-sajd u/jew bijomassa ta' stokk riproduttiv;

(d) skedi ta' żmien ċari biex jintlaħqu l-miri kwantifikabbli;

(e) punti ta' referenza dwar il-konservazzjoni konsistenti mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2;

(f) objettivi għal miżuri ta' konservazzjoni u tekniċi li għandhom jittieħdu sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 15 u miżuri maħsuba biex jiġu evitati jew imnaqqsa, kemm jista' jkun, qabdiet mhux mixtieqa;

(g) salvagwardji biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri kwantifikabbli, u azzjonijiet rimedjali, fejn meħtieġ, inkluż għal sitwazzjonijiet fejn id-disponibbiltà jew il-kwalità tad-data, li jkunu qed jiddeterjoraw, ipoġġu f'riskju s-sostenibbiltà tal-istokk;

2. Pjan pluriennali għandu jinkludi wkoll:

(a) miżuri ta' konservazzjoni oħrajn, b'mod partikolari miżuri li gradwalment jeliminaw ir-rimi b'kont meħud tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli jew biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistema, għandhom jiġu iżjed speċifikati, fejn ikun il-każ, skont l-Artikolu 17;

(b) indikaturi kwantifikabbli għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodiċi tal-progress fir-rigward tal-kisba tal-miri tal-pjan pluriennali;

(c) fejn ikun il-każ, objettivi speċifiċi għall-parti tal-ilma ħelu taċ-ċiklu tal-ħajja ta' speċijiet anadromi u katadromi.

3. Pjan pluriennali għandu jipprevedi r-reviżjoni tiegħu wara evalwazzjoni inizjali ex-post, b'mod partikolari biex jitqies tibdil fil-parir xjentifiku.

*Artikolu 11*

**Miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' konformità ma' obbligi taħt il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni**

1. L-Istati Membri b'dan jingħataw is-setgħa li jadottaw miżuri ta' konservazzjoni li ma jaffettwawx bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħrajn li huma applikabbli għall-ilmijiet taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tagħhom u li huma meħtieġa għall-fini tal-konformità mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2008/56/KE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KE jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, sakemm dawk il-miżuri jkunu kompatibbli mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, jilħqu l-objettivi tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni li huma jkunu maħsuba biex jimplimentaw, u ma jkunux inqas stretti minn miżuri taħt il-liġi tal-Unjoni.

2. Fejn Stat Membru (l-"Istat Membru inizjanti") jqis li jeħtieġ li jiġu adottati miżuri għall-finijet ta' konformità mal-objettivi msemmija fil-paragrafu 1 u Stati Membri oħra għandhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd li jkun se jiġi affettwat minn tali miżuri, il-Kummissjoni b'dan hija mogħtija s-setgħa li tadotta tali miżuri, fuq talba, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 55. Għal din il-fini, għandu japplika mutatis mutandis l-Artikolu 17(1) sa (4) u (6).

3. L-Istat Membru inizjanti għandu jipprovdi informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett dwar il-miżuri mitluba, inkluż ir-raġunijiet għalihom, l-evidenza xjentifika li tappoġġahom u dettalji dwar l-implimentazzjoni u infurzar tagħhom fil-prattika. L-Istat Membru inizjanti u l-Istati Membri l-oħrajn li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta, kif previst fl-Artikolu 17(1), fi żmien sitt xhur mill-għoti ta' informazzjoni suffiċjenti. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri waqt li tieħu kont ta' kwalunkwe parir xjentifiku disponibbli fi żmien tliet xhur mir-riċezzjoni ta' talba sħiħa.

Jekk mhux l-Istati Membri kollha jirnexxilhom jaqblu dwar rakkomandazzjoni konġunta li trid tiġi preżentata lill-Kummissjoni taħt l-ewwel subparagrafu fiż-żmien l-iskadenza stabbilita fih, jew jekk ir-rakkomandazzjoni konġunta titqies bħala mhux kompatibbli mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta f'konformità mat-Trattat.

4. B'deroga mill-paragrafu 3a, fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 3a, f'każijiet ta' urġenza, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri. għal perijodu massimu ta' sena. Il-miżuri li għandhom jiġu adottati f'każ ta' urġenza għandhom ikunu limitati għal dawk li fin-nuqqas tagħhom il-kisba tal-objettivi marbuta mal-istabbiliment tal-miżuri ta' konservazzjoni, skont id-Direttivi msemmija fil-paragrafu 1 u l-intenzjonijiet tal-Istat Membru, tkun fil-periklu.

5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3a għandhom japplikaw għal perijodu massimu ta' 12-il xahar li jista' jiġi estiż għal perijodu massimu ta' 12-il fejn ikunu għadhom jeżistu l-kondizzjonijiet previsti f'dak il-paragrafu.

6. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istat membru kkonċernat u l-Istati Membri l-oħrajn li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fis-sajd ikkonċernat fil-proċess tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-miżuri adottati taħt il-paragrafi 3, 3a u 3ab.

*Artikolu 12*

**Miżuri mill-Kummissjoni f'każ ta' theddida serja għal riżorsi bijoloġiċi tal-baħar**

1. Għal raġunijiet imperattivi, debitament ġustifikati, ta' urġenza relattivi għal theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew għall-ekosistema tal-baħar li jkunu bbażati fuq evidenza, il-Kummissjoni, fuq it-talba raġunata ta' xi Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, sabiex ittaffi dik it-theddida, tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jkunu applikabbli għal perijodu massimu ta' sitt xhur skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(3).

2. L-Istat Membru għandu jikkomunika b'mod simultanju t-talba msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kunsilli Konsultattivi kkonċernati. L-Istati Membri l-oħra u l-Kunsilli Konsultattivi jistgħu jippreżentaw il-kummenti bil-miktub tagħhom fi żmien sebat ijiem ta' xogħol mid-data li jkunu rċevew in-notifika. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata ta' xogħol wara l-wasla tat-talba msemmija fil-paragrafu 1.

3. Qabel ma jiskadi l-perijodu inizjali tal-applikazzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament previsti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista', fejn ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet taħt il-paragrafu 1, tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jestendu l-applikazzjoni ta' tali miżura ta' emerġenza għal perijodu massimu ta' sitt xhur b'effett immedjat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(3).

*Artikolu 13*

**Miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri**

1. Fuq il-bażi ta' evidenza ta' theddida serja għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, jew għall-ekosistema tal-baħar relatata ma' attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' Stat Membru li jeħtieġu azzjoni immedjata, dak l-Istat Membru jista' jadotta miżuri ta' emerġenza biex itaffu t-theddida. Tali miżuri għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 u mhux inqas stretti minn dawk previsti fil-liġi tal-Unjoni. Tali miżuri għandhom japplikaw għal perijodu massimu ta' tliet xhur.

2. Fejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom jiġu adottati minn Stat Membru jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, tali miżuri għandhom jiġu adottati biss wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri rilevanti u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti dwar abbozz tal-miżuri akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni. L-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta jista' jistabbilixxi skadenza raġonevoli għall-finijiet tal-konsultazzjoni, li madankollu m'għandhiex tkun iqsar minn xahar.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li miżura adottata taħt dan l-Artikolu ma tkunx konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista', soġġett għal provvediment ta' raġunijiet rilevanti, titlob li l-Istat Membru kkonċernat jemenda jew iħassar dik il-miżura.

*Artikolu 14*

**Evitar u minimizzazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa**

1. Biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha fl-attività tas-sajd rispettiva skont l-Artikolu 15 ("l-obbligu ta' ħatt l-art"), l-Istati Membri jistgħu jeżegwixxu proġetti pilota, fuq il-bażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u b'kont meħud tal-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, bil-ħsieb li jesploraw għalkollox il-metodi prattikabbli kollha għall-evitar, il-minimizzazzjoni u l-eliminazzjoni tal-qabdiet mhux mixtieqa f'attività tas-sajd.

2. L-Istati Membri jistgħu jipproduċu wkoll "atlas tar-rimi" li juri l-livell ta' rimi f'kull waħda mill-attivitajiet tas-sajd koperti mill-Artikolu 15(1).

*Artikolu 15*

**L-obbligu ta' ħatt l-art**

1. Il-qabdiet kollha ta' speċijiet li huma soġġetti għal limiti ta' qbid u, fil-Mediterran, anki qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal daqsijiet minimi kif definit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, li jinqabdu waqt attivitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni jew minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni f'ilmijiet li mhumiex soġġetti għas-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi, fis-sajd u ż-żoni ġeografiċi elenkati hawn taħt, għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jingħaddu skont il-kwoti fejn applikabbli, ħlief meta jintużaw bħala lixka ħajja, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja:

(a) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015:

— sajd pelaġiku żgħir jiġifieri sajd għall-kavalli, aringi, sawrell, stokkafixx, pixxitrumbetta, inċova, argentina, sardin, laċċa kaħla; sajd pelaġiku kbir jiġifieri sajd għat-tonn, pixxispad, alonga, tonn għajnu kbira, marlin blu u abjad;

— sajd għal skopijiet industrijali (fost l-oħrajn sajd għal capelin, ċiċċirell u Norwegian pout);

— sajd għal salamun fil-Baħar Baltiku.

(b) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2015 għal speċijiet li jiddefinixxu s-sajd u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017 – għall-ispeċijiet l-oħrajn kollha fis-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Baħar Baltiku għall-ispeċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid barra dawk koperti mill-punt (a).

(c) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016: għal speċijiet li jiddefinixxu s-sajd u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019 għall-ispeċijiet l-oħrajn kollha fi:

(i) il-Baħar Nordiku

— sajd għal merluzz, haddock, merlangu, pollakkju;

— sajd għal ksampu;

— sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';

— sajd għal marlozz;

— sajd għal gambli tat-tramuntana;

(ii) l-ilmijiet tal-Majjistral

— sajd għal merluzz, haddock, merlangu, pollakkju;

— sajd għal ksampu;

— sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';

— sajd għal marlozz;

(iii) l-illmijiet tal-Lbiċ

— sajd għal ksampu;

— sajd għal lingwata komuni u barbun tat-tbajja';

— sajd għal marlozz;

(iv) żoni ta' sajd oħrajn għal speċijiet soġġetti għal limiti ta' qbid.

(d) Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2017 għal speċijiet li jiddefinixxu s-sajd u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2019 għall-ispeċijiet l-oħrajn kollha f'sajd li mhux kopert mill-punt (a) fil-Mediterran, fil-Baħar l-Iswed u fl-ilmijiet l-oħrajn kollha tal-Unjoni u f'ilmijiet mhux tal-Unjoni li mhumiex soġġetti għas-sovranità jew ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun bla preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 55, biex timplimenta tali obbligi internazzjonali fil-liġi tal-Unjoni, inklużi, b'mod partikolari, derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art taħt dan l-Artikolu.

3. Fejn l-Istati Membri kollha li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett f'sajd partikolari jaqblu li l-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għal speċijiet għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1, huma jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta biex tiġi estiża l-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal tali speċijiet oħrajn. Għal din il-fini, għandu japplika mutatis mutandis l-Artikolu 17(1) sa (6). Fejn tiġi ppreżentata tali rakkomandazzjoni konġunta, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 55, li jinkludu dawn il-miżuri.

4. L-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) speċijiet li s-sajd għalihom huwa pprojbit u li huma identifikati bħala tali f'att legali tal-Unjoni adottat fil-qasam tal-PKS;

(b) speċijiet li għalihom l-evidenza xjentifika turi rati ta' sopravivenza għoljin, b'kont meħud tal-karatteristiċi tal-irkaptu tas-sajd, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema;

(c) qabdiet li jaqgħu taħt eżenzjonijiet de minimis.

5. Id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu speċifikati fi pjanijiet pluriennali msemmija fl-Artikoli 9 u 11 u, fejn rilevanti, għandhom ikunu speċifikati iżjed skont l-Artikolu 17, inklużi:

(a) dispożizzjonijiet speċifiċi rigward is-sajd jew l-ispeċijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) l-ispeċifikazzjoni ta' eżenzjonijiet għall-obbligu ta' ħatt l-art fir-rigward ta' speċijiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4;

(c) dispożizzjonijiet għal eżenzjonijiet de minimis ta' mhux aktar minn 5 % tal-qabdiet annwali totali tal-ispeċijiet kollha soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art imsemmi fil-paragrafu 1. L-eżenzjoni de minimis għandha tapplika fil-każijiet li ġejjin:

(i) fejn l-evidenza xjentifika tindika li ż-żidiet fis-selettività jkunu diffiċli ħafna biex jinkisbu; jew

(ii) biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati tal-manipulazzjoni ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal dawk l-irkapti tas-sajd fejn il-qabdiet mhux mixtieqa għal kull irkaptu tas-sajd ma jirrappreżentax aktar minn ċertu perċentwal, li għandu jiġi stabbilit fil-pjan, tal-qabda totali annwali ta' dak l-irkaptu.

Il-qabdiet taħt id-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan il-punt m'għandhomx jingħaddu fil-kuntest tal-kwoti rilevanti; madankollu l-qabdiet kollha ta' din ix-xorta għandhom jiġu ddokumentati bis-sħiħ.

Għal perijodu transitorju ta' erba' snin, il-perċentwal tal-qabdiet annwali totali msemmi f'dan il-punt għandu jiżdied:

(i) b'żewġ perċentwali fl-ewwel sentejn ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art ta' qabdiet; u

(ii) b'perċentwal wieħed fis-sentejn sussegwenti;

(d) dispożizzjonijiet dwar dokumentazzjoni ta' qabdiet;

(e) fejn ikun il-każ, l-iffissar ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni f'konformità mal-paragrafu 5.

6. Fejn ma jiġi adottat ebda pjan pluriennali jew ebda pjan ta' ġestjoni skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 għaż-żona tas-sajd inkwistjoni, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa biex tadotta, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxu, fuq bażi temporanja u għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, pjan speċifiku dwar ir-rimi li jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw, f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament, meta jadottaw tali pjan bil-ħsieb li l-Kummissjoni tadotta tali atti jew tippreżenta proposta taħt il-proċedura leġislattiva ordinarja.

7. Fejn ma tkun ġiet adottata l-ebda miżura sabiex tiġi speċifikata l-eżenzjoni de minimis jew fi pjan pluriennali skont il-paragrafu 3 jew fi pjan speċifiku dwar ir-rimi skont il-paragrafu 3a, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 55, li jistabbilixxu l-eżenzjoni de minimis msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2, li għandha, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c)(i) jew (ii) tal-paragrafu 3, tammonta għal mhux aktar minn 5 % tal-qabdiet totali annwali tal-ispeċijiet kollha li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art taħt il-paragrafu 1. Dik l-eżenzjoni de minimis għandha tiġi adottata sabiex tkun tapplika mid-data ta' applikazzjoni tal-obbligu rilevanti ta' ħatt l-art.

8. B'deroga mill-obbligu biex il-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti f'konformità mal-paragrafu 1, il-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art u li huma maqbudin f'eċċess ta' kwoti għall-istokkijiet inkwistjoni, jew qabdiet ta' speċijiet li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru m'għandu l-ebda kwota, jistgħu jitnaqqsu mill-kwota tal-ispeċijiet fil-mira bil-kondizzjoni li ma jaqbżux id-9 % tal-kwota tal-ispeċijiet fil-mira. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss fejn l-istokk tal-ispeċijiet mhux fil-mira jkun f'limiti bijoloġiċi siguri.

9. Għal stokkijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art, l-Istati Membri jistgħu jużaw flessibbiltà ta' sena b'sena sa 10 % tal-ħatt l-art permess tagħhom. Għal dan il-għan, Stat Membru jista' jippermetti l-ħatt l-art ta' kwantitajiet addizzjonali tal-istokk li huwa soġġett għall-obbligu tal-ħatt l-art sakemm tali kwantitajiet ma jaqbżux 10 % tal-kwota allokata għal dak l-Istat Membru. Għandu japplika l-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

10. Jistgħu jiġu stabbiliti daqsijiet ta' referenza minimi għall-konservazzjoni bl-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' organiżmi tal-baħar li għadhom qed jikbru.

11. Għall-ispeċijiet soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art kif speċifikat fil-paragrafu 1, l-użu ta' qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni għandu jkun ristrett għal skopijiet li mhumiex għall-konsum dirett tal-bniedem, inkluż ikel tal-ħut, żejt tal-ħut, ikel tal-annimali, addittivi tal-ikel, farmaċewtiċi u kosmetiċi.

12. Għal speċijiet li mhumiex soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni m'għandhomx jinżammu abbord, iżda għandhom jiġu rritornati immedjatament fil-baħar.

13. Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art, l-Istati Membri għandhom jiżguraw dokumentazzjoni dettaljata u preċiża ta' kull vjaġġ tas-sajd u kapaċità u mezzi adegwati, bħal osservaturi, sistemi ta' televiżjoni ta' ċirkwitu magħluq (CCTV) u oħrajn. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' effiċjenza u proporzjonalità.

*Artikolu 16*

**Opportunitajiet tas-sajd**

1. L-opportunitajiet tas-sajd allokati lill-Istati Membri għandhom jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd. Għandhom jitqiesu l-interessi ta' kull Stat Membru meta jiġu allokati l-opportunitajiet tas-sajd il-ġodda.

2. Meta jiġi introdott l-obbligu ta' ħatt l-art fir-rigward ta' stokk ta' ħut, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti billi titqies il-bidla mill-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-ħatt l-art għall-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriflettu l-qabdiet fuq il-bażi li, għall-ewwel sena u s-snin sussegwenti, ir-rimi ta' dak l-istokk mhux ser jibqa' jiġi permess.

3. Fejn evidenza xjentifika ġdida turi li hmm disparità sinifikanti bejn l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ġew iffissati għal stokk speċifiku u l-istat attwali ta' dak l-istokk, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett jistgħu jippreżentaw talba raġunata lill-Kummissjoni biex hija tibgħat proposta biex tnaqqas dik id-disparità, filwaqt li tirrispetta l-objettivi li jinsabu fl-Artikolu 2(2).

4. L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u għandhom jikkonformaw mal-miri kwantifikabbli, l-iskedi taż-żmien u l-marġini stabbiliti skont l-Artikolu 9(2) u punti (b) u (c) tal-Artikolu 11(1).

5. Għandhom jiġu stabbiliti, f'konformità mat-Trattat, miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli għall-pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni u opportunitajiet tas-sajd.

6. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi kif l-opportunitajiet tas-sajd li jkunu allokati lilu, u li mhumiex soġġetti għal sistema ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd, jistgħu jiġu allokati lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu (pereżempju billi jinħolqu opportunitajiet tas-sajd individwali). Għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-metodu ta' allokazzjoni.

7. Għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd marbuta ma' sajd imħallat, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kompożizzjoni probabbli tal-qbid tal-bastimenti li jipparteċipaw f'dan it-tip ta' sajd.

8. L-Istati Membri jistgħu, wara li jinnotifikaw lill-Kummissjoni, iwettqu skambju ta' parti mill-opportunitajiet tas-sajd jew l-opportunitajiet kollha ta' sajd allokati lilhom.

*Artikolu 17*

**Kriterji għall-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd mill-Istati Membri**

Meta jallokaw opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom kif imsemmi fl-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika. Il-kriterji li għandhom jintużaw jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent, l-istorja tal-konformità, il-kontribut għall-ekonomija lokali u l-livelli ta' qbid storiku. Fi ħdan l-opportunitajiet tas-sajd allokati lilhom, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas, bħal b'konsum imnaqqas tal-enerġija jew ta' ħsara għall-abitat.

*TITOLU III*

***Reġjonalizzazzjoni***

*Artikolu 18*

**Kooperazzjoni reġjonali dwar miżuri ta' konservazzjoni**

1. Fejn il-Kummissjoni tingħata setgħat, inklużi fi pjan pluriennali stabbiliti skont l-Artikoli 9 u 11, kif ukoll fil-każijiet previsti fl-Artikoli 12 u 15(3a), biex tadotta miżuri permezz ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni, fir-rigward ta' miżura tal-Unjoni ta' konservazzjoni li tapplika għal żona ġeografika rilevanti, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett affettwat minn dawk il-miżuri jistgħu, fi skadenza li għandha tiġi stipulata fil-miżura ta' konservazzjoni rilevanti u/jew fil-pjan pluriennali, jaqblu li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jiksbu l-objettivi tal-miżuri rilevanti tal-Unjoni ta' konservazzjoni, tal-pjanijiet pluriennali jew tal-pjanijiet speċifiċi dwar ir-rimi.Il-Kummissjoni m'għandha tadotta ebda att delegat jew ta' implimentazzjoni bħal dan qabel ma jiskadi ż-żmien għall-preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett affettwat mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkooperaw flimkien biex jifformulaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti. Huma għandhom jikkonsultaw ukoll lill-Kunsill(i) Konsultattiv(i) rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż, fejn neċessarju, billi jiżguraw li jinkiseb kontribut xjentifiku mill-korpi xjentifiċi rilevanti.

3. Fejn tiġi preżentata, taħt il-paragrafu 1, rakkomandazzjoni konġunta, il-Kummissjoni tista' tadotta dawk il-miżuri permezz ta' atti ddelegati jew ta' implimentazzjoni, dment li tali rakkomandazzjoni tkun kompatibbli mal-miżura ta' konservazzjoni rilevanti u/jew mal-pjan pluriennali.

4. Fejn il-miżura ta' konservazzjoni tapplika għal stokk speċifiku ta' ħut maqsum ma' pajjiżi terzi u ġestit mill-organizzazzjonijiet multilaterali tas-sajd jew taħt ftehimiet bilaterali jew multilaterali, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex taqbel mas-sħab rilevanti dwar il-miżuri li jkunu meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet konġunti dwar miżuri ta' konservazzjoni li għandhom jiġu adottati skont il-paragrafu 1 ikunu bbażati fuq l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin kollha:

(a) huma kompatibbli mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2;

(b) huma kompatibbli mal-ambitu u l-objettivi tal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni;

(c) huma kompatibbli mal-kamp ta' applikazzjoni u jilħqu l-objettivi u miri kwantifikabbli stabbiliti fi pjan pluriennali rilevanti b'mod effettiv;

(d) mhumiex inqas stretti minn miżuri taħt il-liġi tal-Unjoni.

6. Jekk mhux l-Istati Membri kollha jirnexxielhom jaqblul dwar rakkomandazzjonijiet konġunti li għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni taħt il-paragrafu 1 fil-limiti ta' skadenza stabbilita jew jekk ir-rakkomandazzjonijiet konġunti dwar miżuri ta' konservazzjoni jitqiesu bħala li mhux kompatibbli mal-objettivi u l-miri kwantifikabbli tal-miżuri ta' konservazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għal miżuri adatti f'konformità mat-Trattat.

7. Addizzjonalment għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett f'sajd f'żona ġeografika definita jistgħu wkoll jagħmlu rakkomandazzjonijiet konġunti komuni lill-Kummissjoni dwar miżuri li għandhom jiġu proposti jew adottati mill-Kummissjoni.

8. Bħala metodu supplimentari jew alternattiv ta' kooperazzjoni reġjonali, l-Istat Membri se jingħataw is-setgħa, f'miżura tal-Unjoni ta' konservazzjoni li tapplika għal żona ġeografika rilevanti, anke fi pjan pluriennali stabbilit skont l-Artikoli 9 u 11, biex sad-data ta' skadenza stipulata jadottaw miżuri li jispeċifikaw aktar dik il-miżura ta' konservazzjoni. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkooperaw mill-qrib fl-adozzjoni ta' tali miżuri. Il-paragrafi 2, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw mutatis mutandis. Il-Kummissjoni għandha tiġi assoċjata u l-kummenti tagħha għandhom jitqiesu. L-Istati Membri għandhom biss jadottaw il-miżuri nazzjonali rispettivi tagħhom jekk ikun intlaħaq ftehim dwar il-kontenut tal-miżuri mill-Istati Membri kkonċernati kollha. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' Stat Membru ma tikkonformax mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-miżura ta' konservazzjoni rilevanti, hija tista', soġġett għall-għoti ta' raġunijiet rilevanti, titlob li l-Istat Membru kkonċernat jemenda jew iħassar dik il-miżura.

*TITOLU IV*

***Miżuri nazzjonali***

*Artikolu 19*

**Miżuri tal-Istati Membri applikabbli għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jew għal persuni stabbiliti fuq it-territorju tagħhom**

1. Stat Membru jista' jadotta miżuri għall-konservazzjoni ta' stokkijiet ta' ħut fl-ilmijiet tal-Unjoni bil-kondizzjoni li dawk il-miżuri jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin kollha:

(a) huma japplikaw biss għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru jew, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd li ma jsirux minn bastiment tas-sajd, għal persuni stabbiliti f'dik il-parti tat-territorju tiegħu li għalih japplika t-Trattat;

(b) huma jkunu kompatibbli mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2;

(c) huma ma jkunux inqas stretti minn miżuri taħt il-liġi tal-Unjoni.

2. Stat Membru għandu, għall-finijiet ta' kontroll, jinforma lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra dwar id-dispożizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni adegwata dwar il-miżuri adottati skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 20*

**Miżuri tal-Istati Membri fi ħdan iż-żona ta' 12-il mil nawtiku**

1. Stat Membru jista' jieħu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal- ekosistemi tal-baħar sa 12-il mil nawtiku mil-linji bażi tiegħu bil-kondizzjoni li l-Unjoni ma tkunx adottat miżuri li jindirizzaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni b'mod speċifiku għal dik iż-żona jew li jindirizzaw b'mod speċifiku l-problema identifikata mill-Istat Membru kkonċernati. Il-miżuri tal-Istat Membru għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 u mhux inqas stretti minn miżuri taħt il-liġi tal-Unjoni.

2. Fejn il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni li għandhom jiġu adottati minn Stat Membru jistgħu jaffettwaw bastimenti tas-sajd ta' Stati Membri oħra, tali miżuri għandhom jiġu adottati biss wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni, l-Istati Membri rilevanti u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti dwar abbozz tal-miżuri, li għandu jkun akkumpanjat minn memorandum ta' spjegazzjoni li juri, inter alia, li dawk il-miżuri mhumiex diskriminatorji. Għall-fini ta' tali konsultazzjoni, l-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta jista' jistabbilixxi skadenza raġonevoli, li madankollu m'għandhiex tkun iqsar minn xahrejn.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli informazzjoni adegwata dwar il-miżuri adottati skont dan l-Artikolu.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li miżura adottata taħt dan l-Artikolu mhijiex konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista', soġġetta għal provvediment ta' raġunijiet rilevanti, titlob li l-Istat Membru kkonċernat jemenda jew iħassar il-miżura rilevanti.

PARTI IV

**ĠESTJONI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD**

*Artikolu 21*

**Stabbiliment tas-sistemi ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd**

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu sistema ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd. L-Istati Membri li jkollhom tali sistema għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd.

*Artikolu 22*

**Aġġustament u ġestjoni tal-kapaċità ta' sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri biex tiġi aġġustata l-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom għall-opportunitajiet tas-sajd tagħhom matul iż-żmien, b'kont meħud tax-xejriet u abbażi tal-aħjar parir xjentifiku, bl-objettiv li jinkiseb bilanċ stabbli u dejjiem bejniethom.

2. Sabiex jinkiseb l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, rapport dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom. Sabiex jiġi ffaċilitat approċċ komuni fl-Unjoni kollha, dak ir-rapport għandu jitħejja skont il-linji gwida komuni li jistgħu jiġu żviluppati mill-Kummissjoni li jindikaw il-parametri tekniċi, soċjali u ekonomiċi rilevanti.

Dak ir-rapport għandu jinkludi l-valutazzjoni annwali tal-kapaċità tal-flotta nazzjonali u tas-segmenti kollha tal-flotot ta' kull Stat Membru. Ir-rapport għandu jkollhom l-għan li jidentifika l-kapaċità strutturali żejda skont is-segment u jagħtu stima tal-profittabbiltà fit-tul skont is-segment. Ir-rapporti għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku.

3. Fir-rigward tal-valutazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1a, l-Istati Membri għandhom jibbażaw l-analiżi tagħhom fuq il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom. Għandhom jitfasslu valutazzjonijiet separati għal flotot li jaħdmu fir-reġjuni ultraperiferiċi u għall-bastimenti li joperaw esklużivament barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

4. Jekk il-valutazzjoni turi b'mod ċar li l-kapaċità tas-sajd mhijiex bilanċjata b'mod effikaċi mal-opportunitajiet tas-sajd, l-Istat Membru għandu jħejji, u jinkludi fir-rapport tiegħu, pjan ta' azzjoni għas-segmenti tal-flotta b'kapaċità żejda sinifikanti identifikata. Il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi l-miri ta' aġġustament u l-għodod biex jinkiseb bilanċ u ssir skeda ta' żmien ċara għall-implimentazzjoni tiegħu.

Fuq bażi annwali, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tal-Istati Membri u l-opportunitajiet tas-sajd tagħhom skont il-linji gwida msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1a. Ir-rapport għandu jinkludi pjanijiet ta' azzjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sal-31 ta' Marzu 2015.

Jekk Stat Membru jonqos milli jagħmel ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1a, u/jew jonqos milli jimplimenta l-pjan ta' azzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ir-riżultat jista' jkun sospensjoni jew interruzzjoni proporzjonata tal-assistenza finanzjarja rilevanti tal-Unjoni lil dak l-Istat Membru għall-investiment fis-segment jew fis-segmenti tal-flotta kkonċernati f'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perijodu 2014 - 2020.

5. M'għandu jkun permess l-ebda ħruġ mill-flotta sostnut minn għajnuna pubblika sakemm ma jkunx preċedut mill-irtirar tal-liċenzja tas-sajd u tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

6. Il-kapaċità tas-sajd li tikkorrispondi għall-bastimenti tas-sajd irtirati b'għajnuna pubblika m'għandhiex tiġi sostitwita.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn 1 Jannar 2014, il-kapaċità tas-sajd tal-flotot tagħhom ma għandha, fl-ebda żmien, taqbeż il-limiti massimi ta' kapaċità tas-sajdstabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 23*

**Skema ta' Dħul/Ħruġ**

1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu d-dħul fil-flotot tagħhom u l-ħruġ mill-flotot tagħhom b'tali mod li d-dħul fil-flotta ta' kapaċità ġdida mingħajr għajnuna pubblika jiġi kkumpensat bl-irtirar preċedenti ta' kapaċità mingħajr għajnuna pubblika tal-inqas l-istess ammont.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxu regoli ta' implimentazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

3. Mhux aktar tard minn 30 Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-iskema ta' Dħul/Ħruġ fid-dawl tar-relazzjoni li tkun qed tevolvi bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd mistennija, u tipproponi, fejn ikun il-każ, emenda għal dik l-iskema.

*Artikolu 24*

**Reġistri tal-bastimenti tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw dik l-informazzjoni dwar is-sidien, dwar il-karatteristiċi tal-bastiment u tal-irkaptu u dwar l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom li tkun meħtieġa għall-ġestjoni tal-miżuri stabbiliti taħt dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni li jkun fih l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafu 2. Hija għandha tipprovdi aċċess pubbliku għar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni, filwaqt li tiżgura li d-data personali tiġi protetta b'mod adegwat.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jistabbilixxu rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, il-format u l-modalitajiet tat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 56(2).

PARTI V

**BAŻI XJENTIFIKA GĦALL-ĠESTJONI TAS-SAJD**

*Artikolu 25*

**Rekwiżiti ta' data għall-ġestjoni tas-sajd**

1. L-Istati Membri għandhom, skont ir-regoli adottati fil-qasam tal-ġbir tad-data, jiġbru data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika meħtieġa għal ġestjoni tas-sajd, jiġġestixxu dik id-data u jagħmluha disponibbli għall-utenti finali, inklużi korpi maħtura mill-Kummissjoni. L-akkwist u l-ġestjoni ta' tali data għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perijodu 2014 - 2020. Dik id-data għandha b'mod partikolari tippermetti l-valutazzjoni ta':

(a) l-istat tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar sfruttati,

(b) il-livell ta' sajd u l-impatt li l-attivitajiet tas-sajd ikollhom fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u fuq l-ekosistemi tal-baħar, u

(c) il-prestazzjoni soċjoekonomika tas-setturi tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar ġewwa u barra l-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu tad-data għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-preċiżjoni u l-affidabbiltà, u l-ġbir fil-ħin;

(b) l-użu ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bil-għan li jevitaw duplikazzjoni tal-ġbir tad-data għal skopijiet differenti;

(c) il-ħażna sikura u l-protezzjoni ta' data miġbura fil-bażijiet tad-data kompjuterizzati, u d-disponibbiltà pubblika tagħhom fejn xieraq, inkluż fil-livell aggregat, filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità;

(d) l-aċċess mill-Kummissjoni, jew mill-entitajiet maħtura minnha, għall-bażijiet tad-data nazzjonali u s-sistemi użati għall-ipproċessar tad-data miġbura sabiex tiġi verifikata l-eżistenza u l-kwalità tad-data.

(e) id-disponibbiltà fil-ħin tad-data rilevanti u l-metodoloġiji rispettivi li bihom dawn jinkisbu, għal korpi b'interess ta' riċerka jew ġestjoni fl-analiżi xjentifika ta' data fis-settur tas-sajd u għal kwalunkwe parti interessata, ħlief f'ċirkostanzi fejn il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità jkunu meħtieġa mil-liġi applikabbli tal-Unjoni.

3. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom tal-ġbir tad-data u għandhom jagħmluha disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rapport annwali dwar il-ġbir tad-data wara li tikkonsulta mal-korp konsultattiv xjentifiku tagħha u, fejn xieraq, ma' organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tas-sajd reġjonali (RFMOs) li għalihom l-Unjoni hija parti kontraenti jew osservatur u ma' korpi xjentifiċi internazzjonali rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koordinament nazzjonali tal-ġbir u l-ġestjoni tad-data xjentifika, inkluża data soċjoekonomika, għall-ġestjoni tas-sajd. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru korrispondent nazzjonali u jorganizzaw laqgħa annwali ta' koordinazzjoni nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bl-attivitajiet ta' koordinazzjoni nazzjonali u tiġi mistiedna għal-laqgħat ta' koordinazzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, l-attivitajiet tagħhom ta' ġbir tad-data ma' Stati Membri oħra fl-istess reġjun, u jagħmlu kull sforz sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi li jkollhom sovranità jew ġurisdizzjoni fuq ilmijiet fl-istess reġjun.

6. Il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' data għandhom isiru b'mod kost-effettiv.

7. In-nuqqas ta' Stat Membru milli jiġbor u/jew jipprovdi data b'mod f'waqtu lil utent finali jista' jirriżulta f'sospensjoni proporzjonali jew interruzzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil dak l-Istat Membru, f'konformità ma' att legali futur tal-Unjoni li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal appoġġ finanzjarju għall-politika marittima u tas-sajd għall-perijodu 2014 - 2020.

*Artikolu 26*

**Korpi xjentifiċi ta' konsultazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-korpi xjentifiċi adatti. Li STECF għandu jiġi kkonsultat, fejn xieraq, dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' riżorsi marittimi ħajjin, inklużi konsiderazzjonijiet bijoloġiċi, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u tekniċi. Konsultazzjonijiet ma' korpi xjentifiċi għandhom jieħdu kont tal-ġestjoni xierqa tal-fondi pubbliċi, bil-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' xogħol minn tali korpi.

*Artikolu 27*

**Riċerka u Parir Xjentifiku**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu programmi ta' riċerka u innovazzjoni dwar is-sajd u l-akkwakultura. Huma għandhom jikkoordinaw il-programmi tagħhom ta' innovazzjoni fir-riċerka u ta' konsulenza xjentifika dwar is-sajd ma' Stati Membri oħra, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-oqfsa ta' riċerka u innovazzjoni tal-Unjoni, filwaqt li, fejn xieraq, jinvolvu lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. Dawk l-attivitajiet għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament permezz tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni rilevanti.

2. L-Istati Membri għandhom, bl-involviment tal-partijiet interessati rilevanti, bl-użu, fost l-oħrajn, tar-riżorsi finanzjarji disponibbli tal-Unjoni u permezz ta' koordinazzjoni ma' xulxin, jiżguraw id-disponibbiltà tal-kompetenzi u r-riżorsi umani rilevanti sabiex ikunu involuti fil-proċess konsultattiv xjentifiku.

PARTI VI

**POLITIKA ESTERNA**

*Artikolu 28*

**Objettivi**

1. Sabiex jiġu żgurati sfruttament sostenibbli, ġestjoni u konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ambjent tal-baħar, l-Unjoni għandha tmexxi r-relazzjonijiet esterni tagħha dwar is-sajd f'konformità mal-obbligi internazzjonali u l-objettivi politiċi tagħha, kif ukoll l-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 4.

2. B'mod partikolari l-Unjoni għandha:

(a) tappoġġa u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp ta' għarfien u parir xjentifiku;

(b) ittejjeb il-koerenza politika tal-inizjattivi tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-attivitajiet ambjentali, kummerċjali u tal-iżvilupp u ssaħħaħ il-konsistenza tal-azzjonijiet meħuda fil-kuntest tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni xjentifika, teknika u ekonomika;

(c) tikkontribwixxi għal attivitajiet ta' sajd sostenibbli li huma ekonomikament vijabbli u jippromwovu l-impjiegi fl-Unjoni;

(d) tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni barra l-ilmijiet tal-Unjoni huma bbażati fuq l-istess prinċipji u standards applikabbli taħt il-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-PKS waqt li tippromwovi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal operaturi tal-Unjoni vis-à-vis operaturi oħra ta' pajjiżi terzi;

(e) tippromwovi u tappoġġa, fl-oqsma internazzjonali kollha, l-azzjoni meħtieġa biex jinqered għalkollox is-sajd IUU;

(f) tippromwovi l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' kumitati ta' konformità ta' RFMOs, analiżi perjodiċi indipendenti tal-prestazzjoni u azzjonijiet xierqa ta' rimedju, inklużi pieni effettivi u dissważivi, li jeħtieġ li jiġu applikati b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet speċifiċi ta' ftehimiet internazzjonali adottati taħt l-Artikolu 218 tat-Trattat.

*TITOLU I*

***Organizzazzjonijiet internazzjonali dwar is-sajd***

*Artikolu 29*

**Attivitajiet tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali dwar is-sajd**

1. L-Unjoni għandha tappoġġa u tikkontribwixxi b'mod attiv fl-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jittrattaw is-sajd, inklużi RFMOs.

2. Il-pożizzjonijiet tal-Unjoni f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jittrattaw is-sajd u fl-RFMOs għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli sabiex ikun żgurat li r-riżorsi tas-sajd huma ġestiti b'mod konformi mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, b'mod partikolari l-paragrafu (2) u l-punt (c) tal-paragrafu 5 tiegħu. L-Unjoni għandha tkun fuq quddiem fil-proċess tat-tisħiħ tal-prestazzjoni tal-RFMOs biex ikunu f'pożizzjoni aħjar biex jikkonservaw u jiġġestixxu r-riżorsi ħajjin tal-baħar taħt il-mira tagħhom.

3. L-Unjoni għandha b'mod attiv tappoġġa l-iżvilupp ta' mekkaniżmi adatti u trasparenti għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

4. L-Unjoni għandha trawwem kooperazzjoni fost RFMOs u konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji rispettivi tagħhom, u għandha tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u parir xjentifiku sabiex tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom ikunu bbażati fuq tali parir xjentifiku.

*Artikolu 30*

**Konformità ma' dispożizzjonijiet internazzjonali**

L-Unjoni għandha, inkluż permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija"), tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali relatati mas-sajd, inklużi RFMOs, sabiex tissaħħaħ il-konformità mal-miżuri, b'mod speċjali dawk li jiġġieldu kontra s-sajd IUU, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri adottati minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħal dawn huma strettament osservati.

*TITOLU II*

***Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli***

*Artikolu 31*

**Prinċipji u objettivi tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli**

1. Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomiku u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi.

Tali oqfsa jistgħu jinkludu:

(a) żvilupp u appoġġ għall-istituzzjonijiet meħtieġa fil-qasam tax-xjenza u r-riċerka;

(b) kapaċitajiet ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; u

(c) elementi oħra ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet li jikkonċernaw l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli tal-pajjiż terz.

2. Sabiex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli ta' eċċessi ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi jkunu ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat, inklużi l-popolazzjoni u l-industrija tas-sajd lokali tiegħu u li huma jikkontribwixxu biex ikomplu l-attività tal-flotot tal-Unjoni u jimmiraw li jiksbu sehem adatt mill-eċċess disponibbli, proporzjonat mal-interess tal-flotot tal-Unjoni.

3. Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu taħt ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli joperaw, fejn xieraq, skont standards simili li huma applikabbli għal dawk ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li qed jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex tinkludi, fi ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, dispożizzjonijiet adatti dwar l-obbligi ta' ħatt l-art ta' ħut u prodotti tas-sajd.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jaqbdu biss eċċessi tal-qabda permessa kif imsemmi fl-Artikolu62(2) u (3) tal-UNCLOS, u identifikata, b'mod ċar u trasparenti, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli u l-informazzjoni rilevanti skambjata bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz dwar l-isforz totali tas-sajd fir-rigward tal-istokkijiet affettwati mill-flotot kollha. Rigward l-istokkijiet ta' ħut transżonali jew li jpassi ħafna, id-determinazzjoni tar-riżorsi disponibbli għall-aċċess għandha tieħu kont debitu tal-valutazzjonijiet xjentifiċi mwettqa fil-livell reġjonali kif ukoll il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-RFMOs rilevanti.

5. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma jistgħux joperaw fl-ilmijiet tal-pajjiż terz li miegħu jkun fis-seħħ ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli sakemm ma jkollhomx awtorizzazzjoni tas-sajd li tkun inħarġet skont dak il-ftehim;

6. L-Unjoni għandha tiżgura li ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jinkludu klawsola dwar ir-rispett għal prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, li tkun tikkostitwixxi element essenzjali minn tali ftehim.

Dawk il-ftehimiet għandhom, sa fejn possibbli, jinkludu wkoll:

(a) klawsola li tipprojbixxi l-għoti ta' kondizzjonijiet iktar favorevoli lill-flotot diversi li jistadu f'dawk l-ilmijiet minn dawk mogħtija lill-atturi ekonomiċi tal-Unjoni, inklużi kondizzjonijiet li jikkonċernaw il-konservazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' riżorsi, arranġamenti finanzjarji, u tariffi u drittijiet relatati mal-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd;

(b) klawżola ta' esklużività relatata mar-regola prevista fil-paragrafu 3a.

7. Għandu jsir sforz fil-livell tal-Unjoni biex jiġu mmonitorjati l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw f'il-mijiet mhux tal-Unjoni barra mill-qafas tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom u joperaw barra mill-ilmijiet tal-Unjoni ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu dokumentazzjoni dettaljata u preċiża tal-attivitajiet kollha tas-sajd u tal-ipproċessar.

9. Awtorizzazzjoni tas-sajd kif imsemmija fil-paragrafu 3a għandha tingħata lil bastiment li ħareġ mir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni u li sussegwentement reġa' daħal fih fi żmien 24 xahar biss sakemm is-sid ta' dak il-bastiment ma jkunx ipprovda lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera d-data kollha rekwiżita biex tistabbilixxi li, waqt dak il-perijodu, il-bastiment opera b'mod konsistenti bis-sħiħ mal-istandards applikabbli għal bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni.

Barra minn hekk, għandu jiġi stabbilit li, jekk l-istat li ta l-bandiera waqt il-perijodu li fih il-bastiment kien barra mir-reġistru tal-flotta tal-Unjoni, ġie rikonoxxut skont il-liġi tal-Unjoni bħala Stat li ma jikkooperax fir-rigward tal-ġlieda kontra, l-iskoraġġiment u l-eliminazzjoni tas-sajd IUU, jew bħala Stat li jippermetti l-isfruttament mhux sostenibbli ta' riżorsi marittimi ħajjin, l-operazzjonijiet tas-sajd tal-bastiment waqfu u s-sid ħa azzjoni immedjata biex ineħħi l-bastiment mir-reġistru ta' dak l-Istat.

10. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti għal evalwazzjonijiet indipendenti ex-ante u ex-post ta' kull protokoll għal ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, u tagħmilhom disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill f'ħin adatt qabel ma tippreżenta rakkomandazzjoni lill-Kunsill biex jiġi awtorizzat il-ftuħ ta' negozjati għal protokoll suċċessiv. Sommarju tat-tali evalwazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 32*

**Assistenza finanzjarja**

1. L-Unjoni għandha tipprovdi għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi permezz ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli sabiex:

(a) tappoġġa parti tal-ispiża għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi; il-parti tal-ispiża għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd li għandha titħallas mis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni għandha tiġi vvalutata għal kull ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew Protokoll għalih u għandu jkun ġust, mhux diskriminatorju u proporzjonat għall-benefiċċji provduti permezz tal-kondizzjonijiet ta' aċċess;

(b) tistabbilixxi qafas ta' governanza, inklużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka neċessarji, tippromwovi proċessi ta' konsultazzjoni mal-gruppi ta' interess, u l-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u elementi oħra ta' bini tal-kapaċità li għandhom x'jaqsmu mal-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli mmexxija mill-pajjiż terz. Għanjuna finanzjarja bħal din għandha tkun kondizzjonali skont il-kisba ta' riżultati speċifiċi u tikkomplementa u tkun konsistenti mal-proġetti u l-programmi ta' żvilupp implimentati fil-pajjiż terz ikkonċernat.

2. Taħt kull ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli, l-assistenza finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandha tinfired mill-ħlasijiet għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd. L-Unjoni għandha titlob riżultati speċifiċi bħala kondizzjoni tal-ħlasijiet taħt l-assistenza finanzjarja, u timmonitorja mill-qrib il-progress.

*TITOLU III*

***Ġestjoni ta' stokkijiet ta' interess komuni***

*Artikolu 33*

**Prinċipji u objettivi tal-ġestjoni ta' stokkijiet ta' interess komuni għall-Unjoni u pajjiżi terzi u ftehimiet dwar skambju u ġestjoni konġunta**

1. Fejn l-istokkijiet ta' interess komuni jiġu sfruttati wkoll minn pajjiżi terzi, l-Unjoni għandha tikkomunika ma' dawk il-pajjiżi terzi bil-ħsieb li tiżgura li dawk l-istokkijiet jiġu ġestiti b'mod sostenibbli li jkun konsistenti ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari mal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 2 (2). Fejn ma jintlaħaq ebda ftehim formali, l-Unjoni għandha tagħmel kull sforz biex jintlaħqu arranġamenti komuni għas-sajd tat-tali stokkijiet bil-ħsieb li l-ġestjoni sostenibbli ssir possibbli, b'mod partikolari, rigward l-objettiv fl-Artikolu 2(2), u b'hekk jiġu promossi kondizzjonijiet ekwivalenti għall-operaturi tal-Unjoni.

2. Sabiex jiġi żgurat sfruttament sostenibbli ta' stokkijiet kondiviżi ma' pajjiżi terzi u sabiex tkun garantita l-istabbiltà tal-operazzjonijiet tas-sajd tal-flotot tagħha, l-Unjoni għandha, f'konformità mal-UNCLOS, taħdem sabiex tistabbilixxi ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi bil-għan ta' ġestjoni konġunta ta' stokkijiet, inkluż l-istabbiliment, fejn ikun il-każ, ta' aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u kondizzjonijiet għal tali aċċess, l-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u skambju tal-opportunitajiet tas-sajd.

PARTI VII

**AKKWAKULTURA**

*Artikolu 34*

**Promozzjoni tal-akkwakultura sostenibbli**

1. Bil-ħsieb li tiġi promossa s-sostenibbiltà u jingħata kontribut għas-sikurezza u l-provvisti tal-ikel, it-tkabbir u l-impjiegi, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida strateġiċi mhux vinkolanti tal-Unjoni dwar prijoritajiet u miri komuni għall-iżvilupp ta' attivitajiet tal-akkwakultura sostenibbli. Tali linji gwida strateġiċi għandhom jieħdu kont tal-pożizzjonijiet tal-bidu rilevanti u ċ-ċirkustanzi differenti madwar l-Unjoni u għandhom jiffurmaw il-bażi għal pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali u għandhom jimmiraw lejn:

(a) it-titjib tal-kompetittività tal-industrija tal-akkwakultura u s-sostenn tal-iżvilupp tagħha u l-innovazzjoni;

(b) it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni li tkun aktar effiċjenti u li tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-partijiet interessati;

(c) l-inkoraġġiment tal-attività ekonomika;

(d) id-diversifikazzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiż-żoni kostali u interni;

(e) l-integrazzjoni ta' attivitajiet tal-akkwakultura fl-ippjanar spazjali marittimu, kostali u intern.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan strateġiku nazzjonali pluriennali għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' akkwakultura fuq it-territorju tagħhom sa 30 juin 2014.

3. Il-pjan strateġiku nazzjonali pluriennali għandu jinkludi l-għanijiet tal-Istat Membru u l-miżuri u l-iskedi taż-żmien meħtieġa sabiex dawn jinkisbu.

4. Il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali għandhom jimmiraw b'mod partikolari għal dan li ġej:

(a) simplifikazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari fir-rigward ta' evalwazzjonijiet u studji tal-impatt u liċenzji;

(b) ċertezza raġonevoli għall-operaturi tal-akkwakultura fir-rigward tal-aċċess għall-ilmijiet u l-ispazju;

(c) indikaturi għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali;

(d) valutazzjoni ta' effetti transkonfinali oħra li jista' jkun hemm, b'mod speċjali fuq riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u ekosistemi marittimi fl-Istati Membri ġirien:

(e) il-ħolqien ta' sinerġiji bejn programmi nazzjonali ta' riċerka u kollaborazzjoni bejn l-industrija u l-komunità xjentifika;

(f) il-promozzjoni tal-vantaġġ kompetittiv ta' ikel sostenibbli ta' kwalità għolja;

(g) il-promozzjoni ta' prattiki u riċerka tal-akkwakultura bil-ħsieb li jittejbu l-effetti pożittivi fuq l-ambjent u fuq ir-riżorsi tal-ħut, u li jitnaqqsu l-impatti negattivi, inkluż it-tnaqqis tal-pressjoni fuq l-istokkijiet tal-ħut li jintużaw għall-produzzjoni tal-għalf, u ż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi.

5. L-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni u l-aqwa prassi permezz ta' metodu miftuħ ta' koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali kontenuti fi pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali.

6. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattiki fost l-Istati Membri u tiffaċilita koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali previsti fil-pjan strateġiku nazzjonali pluriennali.

PARTI VIII

**ORGANIZZAZZJONI TAS-SWIEQ KOMUNI**

*Artikolu 35*

**Objettivi**

1. Għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ("l-organizzazzjoni komuni tas-swieq") sabiex:

(a) tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2, u b'mod partikolari għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar;

(b) l-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tkun tista' tapplika l-PKS fil-livell xieraq;

(c) issaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni, b'mod partikolari l-produtturi;

(d) ittejjeb it-trasparenza u l-istabbiltà tas-swieq, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien u l-fehim tas-swieq tal-Unjoni għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tul il-katina

tal-provvista, tiżgura aktar bilanċ tad-distribuzzjoni tal-valur miżjud tul il-katina tal-provvista tas-settur, ittejjeb l-informazzjoni għall-konsumatur u tissensibilizza l-għarfien, permezz ta' notifiki u/jew tikkettar li jipprovdu informazzjoni li tinftiehem;

(e) tikkontribwixxi lejn l-iżgurar ta' għoti ta' opportunitajiet indaqs għall-prodotti kollha kummerċjalizzati fl-Unjoni billi tippromwovi l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd;

(f) tikkontribwixxi lejn l-iżgurar li l-konsumaturi jkollhom provvista varja ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

(g) tipprovdi informazzjoni verifikabbli u preċiża lill-konsumatur dwar l-oriġini tal-prodott u l-mod ta' produzzjoni tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' mmarkar u ttikkettar.

2. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq għandha tapplika għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 [1], li jiġu kummerċjalizzati fl-Unjoni.

3. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq għandha tinkludi b'mod partikolari:

(a) organizzazzjoni tal-industrija inklużi miżuri għall-istabbilizzazzjoni tas-suq;

(b) pjanijiet tal-produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-sajd u l-akkwakultura;

(c) standards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni;

(d) informazzjoni għall-konsumatur.

PARTI IX

## KONTROLL U INFURZAR

*Artikolu 36*

### Objettivi

1. Il-konformità mar-regoli tal-PKS għandha tiġi żgurata permezz ta' sistema effikaċi għall-kontroll tas-sajd tal-Unjoni, li tinkludi l-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2. Il-kontroll u l-infurzar tal-PKS għandhom b'mod partikolari jkunu bbażati fuq u jinkludu dawn li ġejjin:

(a) approċċ globali, integrat u komuni;

(b) kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija;

(c) kosteffiċjenza u proporzjonalità;

(d) l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti ta' kontroll għad-disponibbiltà u l-kwalità tad-data dwar is-sajd;

(e) qafas tal-Unjoni għal kontroll, ispezzjoni u infurzar;

(f) strateġija bbażata fuq ir-riskju ffukata fuq kontrolli sistematiċi u awtomatizzati tad-data rilevanti kollha disponibbli;

(g) l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità u kooperazzjoni fost l-operaturi u s-sajjieda kollha.

L-Unjoni għandha tadotta miżuri adatti fir-rigward ta' pajjiżi terzi li jippermettu sajd li mhux sostenibbli.

3. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adatti għall-iżgurar tal-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar ta' attivitajiet imwettqa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS, inkluż l-istabbiliment ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 37*

### Grupp ta' esperti dwar il-konformità

1. Għandu jiġi stabbilit grupp ta' esperti dwar il-konformità mill-Kummissjoni biex jivvaluta, jiffaċilita u jsaħħaħ l-implimentazzjoni ta', u l-konformità ma', l-obbligi skont is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni.

2. Il-grupp ta' esperti dwar il-konformità għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tista' tistieden lill-Parlament Ewropew jibgħat esperti biex jattendu l-laqgħat tal-grupp ta' esperti. L-Aġenzija tista' tassisti l-grupp ta' esperti f'laqgħat ta' konformità bħala osservatur.

3. Il-grupp ta' esperti għandu b'mod partikolari:

(a) regolarment jeżamina kwistjonijiet ta' konformità u implimentazzjoni skont is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni u jidentifika diffikultajiet possibbli ta' interess komuni fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-PKS;

(b) jifformula parir fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-PKS, inkluża l-prijoritizzazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni; u

(c) jiskambja informazzjoni dwar attivitajiet ta' kontroll u ispezzjoni, inkluża l-ġlieda kontra s-sajd IUU.

4. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinżammu informati bis-sħiħ fuq bażi regolari mill-grupp espert dwar l-attivitajiet ta' konformità msemmijin fil-paragrafu 3.

[1] Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 38*

**Proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jwettqu proġetti pilota dwar teknoloġiji ta' kontroll u sistemi ta' ġestjoni tad-data ġodda.

*Artikolu 39*

**Kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' kontroll, ispezzjoni, infurzar u ġbir ta' data**

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li l-operaturi tagħhom jikkontribwixxu b'mod proporzjonali għall-ispejjeż operattivi tal-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni u tal-ġbir ta' data.

PART X

**STRUMENTI FINANZJARJI**

*Artikolu 40*

**Objettivi**

Tista' tingħata għajnuna finanzjarja mill-Unjoni sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.

*Artikolu 41*

**Kondizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri**

1. Soġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom ikunu speċifikati fl-atti legali applikabbli tal-Unjoni, l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni lill-Istati Membri għandha tkun taħt il-kondizzjoni ta' konformità mill-Istati Membri mar-regoli tal-PKS.

2. In-nuqqas ta' konformità mill-Istati Membri mar-regoli tal-PKS jista' jwassal għall-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-ħlasijiet jew għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni finanzjarja għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni skont il-PKS. Tali miżuri għandhom ikunu proporzjonati man-natura, is-serjetà, it-tul ta' żmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità.

*Artikolu 42*

**Kondizzjonijiet għall-għajnuna finanzjarja lill-operaturi**

1. Soġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom ikunu speċifikati fl-atti legali tal-Unjoni applikabbli, l-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni lill-operaturi għandha tkun taħt il-kondizzjoni ta' konformità mill-operaturi mar-regoli tal-PKS.

2. Soġġett għal regoli speċifiċi li għandhom jiġu adottati, ksur serju mill-operaturi tar-regoli tal-PKS għandu jirriżulta fi projbizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq l-aċċess għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni u/jew l-applikazzjoni ta' tnaqqis finanzjarju. Tali miżuri, meħuda mill-Istat Membru, għandhom ikunu dissważivi, effettivi u proporzjonati man-natura, is-serjetà, id-dewmien u r-ripetizzjoni tal-ksur serju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni tingħata biss jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena għal xi ksur serju lill-operatur ikkonċernat f'perijodu ta' sena qabel id-data tal-applikazzjoni għall-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni.

PARTI XI

**KUNSILLI KONSULTATTIVI**

*Artikolu 43*

**Stabbiliment ta' Kunsilli Konsultattivi**

1. B'dan huma stabbiliti Kunsilli Konsultattivi għal kull waħda miż-żoni ġeografiċi jew oqsma ta' kompetenza stipulati fl-Anness III, sabiex jippromwovu rappreżentanza bilanċjata tal-partijiet interessati kollha skont l-Artikolu 54(1) u sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2.

2. B'mod partikolari, il-Kunsilli Konsultattivi ġodda li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti, skont l-Anness III:

(a) Kunsill Konsultattiv għar-reġjuni ultra-periferiċi, maqsum fi tliet taqsimiet għal kull wieħed mill-baċiri tal-baħar li ġejjin: l-Atlantiku tal-Punent, l-Atlantiku tal-Lvant u l-Oċean Indjan;

(b) Kunsill Konsultattiv għall-akkwakultura;

(c) Kunsill Konsultattiv għas-swieq;

(d) Kunsill Konsultattiv għall-Baħar l-Iswed.

3. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 44*

**Kompiti tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha tikkonsulta, fejn rilevanti, lill-Kunsilli Konsultattivi.

2. Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu:

(a) jippreżentaw rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar materji relatati mal-ġestjoni tas-sajd u l-aspetti soċjoekonomiċi u ta' konservazzjoni tas-sajd u l-akkwakultura lill-Kummissjoni, u lill-Istat Membru kkonċernat. B'mod partikolari, il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu ssimplifikati regoli dwar il-ġestjoni tas-sajd;

(b) jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar problemi relatati mal-ġestjoni u l-aspetti soċjoekonomiċi u ta' konservazzjoni tas-sajd u, fejn xieraq, tal-akkwakultura fiż-żona ġeografika jew il-qasam ta' kompetenza tagħhom u jipproponu soluzzjonijiet sabiex jingħelbu dawk il-problemi;

(c) jikkontribwixxu, f'kooperazzjoni mill-qrib max-xjenzati, għall-ġbir, il-forniment u l-analiżi tad-data meħtieġa għall-iżvilupp ta' miżuri ta' konservazzjoni.

Jekk kwistjoni tkun ta' interess komuni għal żewġ Kunsilli Konsultattivi jew aktar, huma għandhom jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-ħsieb li jadottaw rakkomandazzjonijiet konġunti dwar dik il-kwistjoni.

3. Il-Kunsilli Konsultattivi għandhom ikunu kkonsultati dwar rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 17. Huma jistgħu wkoll ikunu kkonsultati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri dwar miżuri oħra. Għandu jitqies il-parir tagħhom. Dawk il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-konsultazzjoni tas-STECF jew korpi xjentifiċi oħra. L-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi jistgħu jiġu ppreżentati lill-Istati Membri kollha kkonċernati u lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni u, fejn rilevanti, l-Istat Membru kkonċernat, għandhom iwieġbu fi żmien xahrejn għal kwalunkwe rakkomandazzjoni, suġġeriment jew informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 1. Fejn l-miżuri finali adottati jitbiegħdu mill-opinjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti tal-Kunsilli Konsultattivi, riċevuti skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat għandhom jipprovdu raġunijiet dettaljati għat-tali diverġenza.

*Artikolu 45*

**Kompożizzjoni, funzjonament u finanzjament tal-Kunsilli Konsultattivi**

1. Il-Kunsilli Konsultattivi għandhom ikunu magħmula minn:

(a) organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi tas-sajd u, fejn xieraq, tal-akkwakultura, u rappreżentanti tas-setturi tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni;

(b) gruppi oħra ta' interess affettwati mill-PKS, pereżempju organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi tal-konsumaturi.

2. Kull Kunsill Konsultattiv għandu jikkonsisti minn assemblea ġenerali u kumitat eżekuttiv, inkluż, kif xieraq, segretarjat u gruppi ta' ħidma biex jittrattaw kwistjonijiet ta' kooperazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 17, u għandu jadotta l-miżuri meħtieġa għall-funzjonament tiegħu.

3. Il-Kunsilli Konsultattivi għandhom jiffunzjonaw u jirċievu finanzjament kif previst fl-Anness III.

4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 55 fir-rigward tad-dettalji tal-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi.

PARTI XII

**DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI**

*Artikolu 46*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u fl-Artikolu 45(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn 29 Diċembru 2013. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' tul ta' żmien identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u fl-Artikolu 45(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. M'għandha taffettwa l-validità tal-ebda att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess ħin lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u l-Artikolu 45(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 47*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għas-sajd u l-akkwakultura. Tali kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni dwar abbozz ta' att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 23, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien malArtikolu 5 tiegħu.

PARTI XIII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 48*

**Tħassir u emendi**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

2. Id-Deċiżjoni 2004/585/KE hija mħassra b'effett mid-dħul fis-seħħ tar-regoli adottati taħt l-Artikolu 54(4) ta' dan ir-Regolament.

3. L-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ([1]) huwa mħassar.

4. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 ([2]) huwa mħassar.

5. Fl-Artikolu 105 tar-Regolament 1224/2009 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3a. B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, l-ebda fattur multiplikanti ma jiġi applikat mal-qabdiet li huma soġġetti għal obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), dment li l-ammont ta' sajd żejjed relatat ma' ħatt l-art permess ma jeċċedix l-10 %.

(*) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 23)"

*Artikolu 49*

**Reviżjoni**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-PKS sal-31 ta' Diċembru 2022.

*Artikolu 50*

**Rapport annwali**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fit-twettiq tar-rendiment massimu sostenibbli u dwar is-sitwazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut, kmieni kemm jista' jkun wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill annwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, f'ċerti ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, għal bastimenti tal-Unjoni.

*Artikolu 51*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Diċembru 2013.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | V. LEŠKEVIČIUS |

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 tal-4 ta' Novembru 2003 dwar l-immaniġġar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 (ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9).

*ANNESS I*

## AĊĊESS GĦALL-ILMIJIET KOSTALI FIS-SENS TAL-ARTIKOLU 6(2)

1. **Ilmijiet kostali tar-renju unit**

A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Berwick-upon-Tweed Lvant<br>Coquet Island lejn Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 2. Flamborough Head Lvant<br>Spurn Head lejn Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. Lowestoft Lvant<br>Lyme Regis Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 4. Lyme Regis Nofsinhar<br>Eddystone Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| 5. Eddystone Nofsinhar<br>Longships Lbiċ | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Arzell | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| 6. Longships Lbiċ<br>Hartland Point Majjistral | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| | Awwista | Bla limitu |
| 7. Hartland Point sa linja mit-Tramuntana ta' Lundy Island | Sajd demersali | Bla limitu |
| 8. Minn linja lejn il-Punent ta' Lundy Island sa Cardigan Harbour | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 9. Point Lynas Tramuntana<br>Morecambe Light Vessel Lvant | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 10. County Down | Sajd demersali | Bla limitu |
| 11. New Island Grigal<br>Sanda Island Lbiċ | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 12. Port Stewart Tramuntana<br>Barra Head Punent | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 13. Latitudni 57°40' T<br>Butt of Lewis Punent | L-ispeċijiet kollha, ħlief frott il-baħar bil-qoxra | Bla limitu |
| 14. St Kilda, Flannan Islands | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 15. Fil-Punent tal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis mal-punt 59°30'N-5°45'W | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

B. AĊĊESS GĦALL-IRLANDA

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Point Lynas Tramuntana<br>Mull of Galloway Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| 2. Mull of Oa Punent<br>Barra Head Punent | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |

C. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija lejn ix-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head lejn il-Grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringa | Bla limitu |
| 2. Berwick-upon-Tweed lejn il-Lvant, il-fanal Whitby High lejn il-Lvant | Aringa | Bla limitu |
| 3. Il-fanal North Foreland lejn il-Lvant, il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 4. Iż-żona madwar St Kilda | Aringa | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 5. Il-fanal ta' Butt of Lewis lejn il-Punent sal-linja li tgħaqqad il-fanal ta' Butt of Lewis u l-punt 59°30'N-5°45'W | Aringa | Bla limitu |
| 6. Iż-żona madwar North Rona u Sulisker (Sulasgeir) | Aringa | Bla limitu |

D. AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Lvant ta' Shetlands u Fair Isle bejn linji mpinġija lejn ix-Xlokk mill-fanal ta' Sumburgh Head lejn il-Grigal mill-fanal ta' Skroo u lejn il-Lbiċ mill-fanal ta' Skadan | Aringi | Bla limitu |
| 2. Berwick upon Tweed Lvant, Flamborough Head Lvant | Aringi | Bla limitu |
| 3. North Foreland Lvant, il-fanal ġdid ta' Dungeness Nofsinhar | Aringi | Bla limitu |

E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Berwick-upon-Tweed Lvant<br>Coquet Island Lvant | Aringi | Bla limitu |
| 2. Cromer Tramuntana<br>North Foreland Lvant | Sajd demersali | Bla limitu |

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| 3. North Foreland Lvant<br>Fanal il-ġdid ta' Dungeness Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Aringa | Bla limitu |
| 4. Il-fanal ġdid Dungeness lejn in-Nofsinhar, Selsey Bill lejn in-Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| 5. Straight Point Xlokk, South Bishop Majjistral | Sajd demersali | Bla limitu |

2. **Ilmijiet kostali tal-irlanda**

A. AĊĊESS GĦAL FRANZA

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Erris Head Majjistral<br>Sybil Point Punent | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| 2. Mizen Head Nofsinhar<br>Stags Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 3. Stags Nofsinhar<br>Cork Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| | Aringa | Bla limitu |
| 4. Cork Nofsinhar, Carnsore Point Nofsinhar | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| 5. Carnsore Point Nofsinhar, Haulbowline Xlokk | L-ispeċijiet kollha, ħlief frott il-baħar bil-qoxra | Bla limitu |

B. AĊĊESS GĦAR-RENJU UNIT

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil) | | |
| 1. Mine Head Nofsinhar<br>Hook Point | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Aringa | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| 2. Hook Point<br>Carlingford Lough | Sajd demersali | Bla limitu |
| | Aringa | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |
| | Skampi | Bla limitu |
| | Arzell | Bla limitu |

C. AĊĊESS GĦALL-PAJJIŻI L-BAXXI

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta Irlandiża (6 sa 12-il mil) | | |
| 1. Stags Nofsinhar<br>Carnsore Point Nofsinhar | Aringi | Bla limitu |
| | Kavalli | Bla limitu |

D. AĊĊESS GĦALL-ĠERMANJA

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Old Head of Kinsale Nofsinhar<br>Carnsore Point Nofsinhar | Aringa | Bla limitu |
| 2. Cork Nofsinhar<br>Carnsore Point Nofsinhar | Kavalli | Bla limitu |

E. AĊĊESS GĦALL-BELĠJU

| Żona ġeografika | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|
| Kosta tar-Renju Unit (6 sa 12-il mil nawtiku) | | |
| 1. Cork Nofsinhar<br>Carnsore Point Nofsinhar | Sajd demersali | Bla limitu |
| 2. Flamborough Head Lvant<br>Carlingford Lough Xlokk | Sajd demersali | Bla limitu |

3. **Ilmijiet kostali tal-belġju**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| 3 sa 12-il mil nawtiku | Pajjiżi l-Baxxi | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Franza | Aringa | Bla limitu |

4. **Ilmijiet kostali tad-danimarka**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Hanstholm) (6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| | | | |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sa Blåvands Huk | *Ġermanja* | *Ħut ċatt* | *Bla limitu* |
| | | *Gambli u gambli kbar (prawns)* | *Bla limitu* |
| | Pajjiżi l-Baxxi | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Ħuta tonda | Bla limitu |

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Blåvands Huk sa Bovbjerg | Belġju | Merluzz | Bla limitu biss mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu biss mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju |
| | Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | Pajjiżi l-Baxxi | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Thyborøn sa Hanstholm | Belġju | Merlangu | Bla limitu biss mill-1 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu biss mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju |
| | Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Pollakkju (saithe) | Bla limitu |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | Pajjiżi l-Baxxi | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Skagerrak (Hanstholm sa Skagen) (4 sa 12-il mil nawtiku) | Belġju | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu biss mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju |
| | Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Pollakkju (saithe) | Bla limitu |
| | | Bakkaljaw | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| | Pajjiżi l-Baxxi | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu |
| | | Lingwata | Bla limitu |
| Kattegat (3 sa 12-il mil) | Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Skampi | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| Tramuntana ta’ Zeeland sal-parallel tal-latitudni li tgħaddi minn ġol-fanal ta’ Forsnæs | Ġermanja | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| Baħar Baltiku (inklużi Belts, Sound, Bornholm) (3 sa 12-il mil nawtiku) | Ġermanja | Ħut ċatt | Bla limitu |
| | | Merluzz | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura | Bla limitu |
| | | Salamun | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |
| Is-Skagerrak (4 sa 12-il mil) | Svezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Il-Kattegat (3 sa 12-il mil ([1])) | Svezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Baħar Baltiku (3 sa 12-il mil) | Svezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

([1]) Imkejla mil-linja tal-kosta.

5. **Ilmijiet kostali tal-ġermanja**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-kosta tal-Baħar tat-Tramuntana (3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosti kollha | Danimarka | Sajd demersali | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura tar-ramel | Bla limitu |
| | Pajjiżi l-Baxxi | Sajd demersali | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar (prawns) | Bla limitu |
| Il-fruntiera Daniża/Ġermaniża sal-ponta ta’ fuq ta’ Amrum f’54°43′N | Danimarka | Gambli u gambli kbar (prawns) | Bla limitu |
| Iż-żona madwar Helgoland | Renju Unit | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja’ | Bla limitu |

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-kosta Baltika<br>(3 sa 12-il mil) | Danimarka | Merluzz | Bla limitu |
| | | Barbun tat-tbajja' | Bla limitu |
| | | Aringa | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura | Bla limitu |
| | | Merlangu | Bla limitu |
| | | Kavalli | Bla limitu |

6. **Ilmijiet kostali ta' franza u d-dipartimenti extra-ewropej**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Grigal tal-kosta Atlantika<br>(6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| Il-fruntiera Belġjana/Franċiża sal-Lvant ta' Departement Manche (estwarju ta' Vire-Grandcamp les Bains 49° 23' 30" N-1° 2 'WNNE) | Belġju | Sajd demersali | Bla limitu |
| | | Arzell | Bla limitu |
| | Pajjiżi l-Baxxi | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Dunkerque (2° 20' E) sa Cap d'Antifer (0° 10' E) | Ġermanja | Aringa | Bla limitu biss mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru |
| Il-fruntiera Belġjana/Franċiża sa Cap d'Alprech Punent<br>(50° 42 30" N — 1° 33' 30" E) | Renju Unit | Aringa | Bla limitu |
| Kosta Atlantika (6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| Il-fruntiera Spanjola/Franċiża sa 46° 08′ N | Spanja | Inċova | Sajd dirett, bla limitu biss mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Ġunju |
| | | | Sajd għal lixka ħajja mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru biss. |
| | | Sardin | Bla limitu biss mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar u mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru. |
| | | | Barra minn hekk, l-attivitajiet relatati mal-ispeċijiet hawn fuq imsemmija jridu jiġu segwiti skont u fil-limiti tal-attivitajiet imwettqa matul l-1984 |
| Kosta Mediterranja<br>(6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| Il-fruntiera Spanjola Cap Leucate | Spanja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

7. **Ilmijiet kostali ta’ spanja**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Kosta Atlantika (6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| Il-fruntiera Franċiża/Spanjola sal-fanal ta’ Cap Mayor (3° 47’ W) | Franza | Pelaġiku | Bla limitu skont, u fil-limiti ta’, l-attivitajiet segwiti matul l-1984 |
| Kosta Mediterranja (6 sa 12-il mil nawtiku) | | | |
| Il-fruntiera Franċiża/Cap Creus | Franza | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

8. **Ilmijiet tal-kosta tal-kroazja** ([1])

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| 12-il mil limitati għaż-żona tal-baħar taħt is-sovranità tal-Kroazja li tinsab lejn it-tramuntana tal-45 grad u parallela 10 minuti fit-tramuntana tal-latitudni matul il-kosta tal-punent tal- Istria, mill-fruntiera ta’ barra tal- baħar territorjali tal-Kroazja, fejn dan il-parallel imiss mal-art tal-kosta tal- punent ta’ Istria (il-kap Grgatov rt Funtana) | Slovenja | Speċi demersali u speċi pelaġiċi żgħar inkluż is- sardin u l-inċova | 100 tunnellata għal numru massimu ta’ 25 bastiment tas-sajd li jinkludi 5 bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir |

([1]) Ir-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li hi riżultat tal- Ftehim ta’ Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmat fi Stokkolma fl-4 ta’ Novembru 2009.

9. **Ilmijiet kostali tal-pajjiżi l-baxxi**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| (3 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Belġju | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Danimarka | Sajd demersali | Bla limitu |
| | | Laċċa Kaħla | Bla limitu |
| | | Sallura tar-ramel | Bla limitu |
| | | Sawrell | Bla limitu |
| | Ġermanja | Merluzz | Bla limitu |
| | | Gambli u gambli kbar (prawns) | Bla limitu |
| (6 sa 12-il mil nawtiku) il-kosta kollha | Franza | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Il-punt fin-Nofsinhar ta’ Texel, lejn il-Punent tal-fruntiera tal-Pajjiżi l-Baxxi/tal-Ġermanja | Renju Unit | Sajd demersali | Bla limitu |

10. **Ilmijiet tal-kosta tas-slovenja** ([1])

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| 12-il mil limitati għaż-żona tal-baħar taħt is-sovranità tas-Slovenja li tinsab lejn it-tramuntana tal-45 grad u parallela 10 minuti fit-tramuntana tal-latitudni matul il-kosta tal-punent tal- Istria, mill-fruntiera ta' barra tal- baħar territorjali tal-Kroazja, fejn dan il-parallel imiss mal-art tal-kosta tal- punent ta' Istria (il-kap Grgatov rt Funtana) | Kroazja | Speċi demersali u speċi pelaġiċi żgħar inkluż is- sardin u l-inċova | 100 tunnellata għal numru massimu ta' 25 bastiment tas-sajd li jinkludi 5 bastimenti tas-sajd mgħammra bi xbieki tat-tkarkir |

([1]) Ir-reġim imsemmi hawn fuq għandu japplika mill-implimentazzjoni sħiħa tas-sentenza tal-arbitraġġ li hi riżultat tal- Ftehim ta' Arbitraġġ bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, iffirmat fi Stokkolma fl-4 ta' Novembru 2009.

11. **Ilmijiet kostali tal-finlandja**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Il-Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) ([1]) | Svezja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

([1]) 3 sa 12-il mil madwar Bogskär Isles.

12. **Ilmijiet kostali tal-isvezja**

| Żona ġeografika | Stat Membru | Speċijiet | Importanza jew karatteristiċi partikolari |
|---|---|---|---|
| Skagerrak (4 sa 12-il mil nawtiku) | Danimarka | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Kattegat (3 sa 12-il mil ([1])) | Danimarka | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| Baħar Baltiku (4 sa 12-il mil) | Danimarka | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |
| | Finlandja | L-ispeċijiet kollha | Bla limitu |

([1]) Imkejla mil-linja tal-kosta.

*ANNESS II*

## LIMITI MASSIMI TAL-KAPAĊITÀ TAS-SAJD

Limiti massimi ta' kapaċità

| Stat Membru | GT | kW |
|---|---|---|
| Belġju | 18 962 | 51 586 |
| Bulgarija | 7 250 | 62 708 |
| Danimarka | 88 762 | 313 333 |
| Ġermanja | 71 117 | 167 078 |
| Estonja | 21 677 | 52 566 |
| Irlanda | 77 568 | 210 083 |
| Greċja | 84 123 | 469 061 |
| Spanja (inklużi r-reġjuni ultra-periferiċi) | 423 550 | 964 826 |
| Franza (inklużi r-reġjuni ultra-periferiċi) | 214 282 | 1 166 328 |
| Kroazja | 53 452 | 426 064 |
| Italja | 173 506 | 1 070 028 |
| Ċipru | 11 021 | 47 803 |
| Latvja | 46 418 | 58 496 |
| Litwanja | 73 489 | 73 516 |
| Malta | 14 965 | 95 776 |
| Pajjiżi Baxxi | 166 859 | 350 736 |
| Polonja | 38 270 | 90 650 |
| Portugall (inklużi r-reġjuni ultra-periferiċi) | 114 549 | 386 539 |
| Rumanija | 1 908 | 6 356 |
| Slovenja | 675 | 8 867 |
| Finlandja | 18 066 | 181 717 |
| Svezja | 43 386 | 210 829 |
| Renju Unit | 231 106 | 909 141 |

Capacity ceilings

| Ir-reġjuni ultra-periferiċi tal-Unjoni | GT | kW |
|---|---|---|
| Spanja | | |
| Gżejjer Kanarji: L [1] < 12 m. ilmijiet tal-Unjoni | 2 617 | 20 863 |
| Gżejjer Kanarji: L > 12 m. ilmijiet tal-Unjoni | 3 059 | 10 364 |
| Gżejjer Kanarji: L > 12 m. ilmijiet internazzjonali u ta' pajjiżi terzi | 28 823 | 45 593 |
| Franza | | |
| Gżira ta' Reunion: Speċijiet demersali u pelaġiċi. L < 12 m | 1 050 | 19 320 |

| Ir-reġjuni ultra-periferiċi tal-Unjoni | GT | kW |
|---|---|---|
| Gżira ta' Reunion: Speċijiet pelaġiċi. L > 12 m | 10 002 | 31 465 |
| Guyana Franċiża: Speċijiet demersali u pelaġiċi Tul < 12 m | 903 | 11 644 |
| Guyana Franċiża: Bastimenti tal-gambli | 7 560 | 19 726 |
| Guyana Franċiża: Speċijiet pelaġiċi. Bastimenti lil hinn mill-kosta. | 3 500 | 5 000 |
| Martinique: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 5 409 | 142 116 |
| Martinique: Speċijiet pelaġiċi. L < 12 m | 1 046 | 3 294 |
| Gwadelup: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 6 188 | 162 590 |
| Gwadelup: Speċijiet pelaġiċi. L < 12 m | 500 | 1 750 |
| Portugall | | |
| Madejra: Speċijiet demersali: L < 12 m | 604 | 3 969 |
| Madejra: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 4 114 | 12 734 |
| Madejra: Speċijiet Pelaġiċi. Tartarun. L > 12 m | 181 | 777 |
| Azores: Speċijiet demersali: L < 12 m | 2 617 | 29 870 |
| Azores: Speċijiet demersali u pelaġiċi L < 12 m | 12 979 | 25 721 |

(1) "L" tfisser it-tul totali ta' bastiment.

*ANNESS III*

## KUNSILLI KONSULTATTIVI

### 1. Isem u żona ta' kompetenza tal-Kunsilli Konsultattivi

| Isem | Żona ta' kompetenza |
|---|---|
| Il-Baħar Baltiku | Iż-żoni tal-ICES IIIb, IIIc u IIId |
| *Il-Baħar l-Iswed* | *Is-subżona ġeografika tal-GFCM kif iddefinita fir-Riżoluzzjoni GFCM/33/2009/2 Isem tal-Kunsill Konsultattiv: Is-swieq Qasam ta' Kompetenza: L-oqsma kollha tas-swieq* |
| Il-Baħar Mediterran | L-ilmijiet Marittimi tal-Mediterran tal-Lvant tal-linja 5°36′ Punent |
| Il-Baħar tat-Tramuntana | Iż-żoni tal-ICES IV u IIIa |
| Ilmijiet tal-Majjistral | Iż-żoni tal-ICES V (eskluża Va u l-ilmijiet tal-Unjoni biss ta' Vb), VI u VII |
| Ilmijiet tal-Lbiċ | Iż-żoni tal-ICES VIII, IX u X (ilmijiet madwar l-Azores), u żoni tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ilmijiet madwar Madejra u l-Gżejjer Kanarji) |
| *Ir-Reġjuni Ultra-periferiċi* | L-ilmijiet tal-Unjoni madwar ir-reġjuni ultra-periferiċi kif imsemmijin fl-Artikolu 349(1) tat-Trattat maqsum fi tliet baċiri: l-Atlantiku tal-Punent, l-Atlantiku tal-Lvant, l-Oċean Indjan |
| L-istokkijiet pelaġiċi (stokkafixx, kavall, sawrell, aringa, *pixxitrombetta*) | Iż-żoni *ġeografiċi* kollha esklużi l-Baħar Baltiku u l-Baħar Mediterran |
| Il-flotta tal-ibħra internazzjonali/distanzi twal | L-ilmijiet kollha mhux tal-Unjoni |
| L-akkwakultura | L-akkwakultura, kif definita fl-Artikolu 5 |
| Is-swieq | Iż-żoni tas-swieq kollha |

### 2. Funzjonament u finanzjament tal-Kunsilli Konsultattivi

(a) Fl-assemblea ġenerali u l-kumitat konsultattiv, 60 % tas-siġġijiet għandhom jiġu allokati lil rappreżentanti tas-sajjieda u lill-Kunsill Konsultattiv dwar l-Akkwakultura, lill-operaturi tal-akkwakultura, u rappreżentanti tas-setturi tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni, u 40 % lir-rappreżentanti tal-gruppi l-oħra ta' interess affettwati mill-Politika Komuni tas-Sajd, pereżempju organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi ta' konsumaturi.

(b) Minbarra l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Akkwakultura u l-Kunsill Konsultattiv dwar is-Swieq, mill-anqas rappreżentant wieħed tas-sottosettur tal-qabdiet minn kull Stat Membru kkonċernat għandu jkun membru tal-kumitat eżekuttiv.

(c) Il-membri tal-kumitat eżekuttiv għandhom, fejn hu possibbli, jadottaw rakkomandazzjonijiet b'kunsens. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-opinjonijiet tal-membri li ma jaqblux għandhom jiġu reġistrati fir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-maġġoranza tal-membri preżenti li jkunu qed jivvotaw.

(d) Kull Kunsill Konsultattiv għandu jaħtar president b'kunsens. Il-president għandu jaġixxi b'mod imparzjali.

(e) Kull Kunsill Konsultattiv għandu jadotta l-miżuri meħtieġa biex jiġu żgurati t-trasparenza u r-rispett lejn l-opinjonijiet kollha espressi.

(f) Rakkomandazzjonijiet adottati mill-kumitat eżekuttiv għandhom ikunu disponibbli immedjatament għall-assemblea ġenerali, għall-Kummissjoni, għall-Istati Membri konċernati u fuq talba, għal kwalunkwe membru tal-pubbliku.

(g) Il-laqgħat tal-assemblea ġenerali għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Il-laqgħat tal-kumitat eżekuttiv għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku sakemm, f'każijiet eċċezzjonali, ma jiġix deċiż mod ieħor b'maġġoranza tal-kumitat eżekuttiv.

(h) Organizzazzjonijiet Ewropew u nazzjonali li jirrappreżentaw lis-settur tas-sajd u l-gruppi ta' interess oħra jistgħu jipproponu membri lill-Istati Membri kkonċernati. Dawk l-Istati Membri għandhom jaqblu dwar il-membri tal-assemblea ġenerali.

(i) Rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali b'interessi fis-sajd fiż-żona kkonċernata u riċerkaturi mill-istituti ta' riċerka xjentifika u tas-sajd tal-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet xjentifiċi internazzjonali li jagħtu pariri lill-Kummissjoni għandhom jitħallew jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Kunsill Konsultattiv bħala osservaturi attivi. Jista' wkoll jiġi mistieden kwalunkwe xjentist kwalifikat ieħor.

(j) Rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill Konsultattiv bħala osservaturi attivi.

(k) Meta jiġu diskussi kwistjonijiet li jaffettwawhom, rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra ta' interess minn pajjiżi terzi, inklużi rappreżentanti minn RMFOs, li għandhom interess fis-sajd fiż-żona jew sajd kopert minn Kunsill Konsultattiv, jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala osservaturi.

(l) Il-Kunsilli Konsultattivi jistgħu japplikaw għal għajnuna finanzjarja tal-Unjoni bħala korpi li qegħdin isegwu għan ta' interess Ewropew ġenerali.

(m) Il-Kummissjoni għandha tiffirma ftehim ta' għotjiet ma' kull Kunsill Konsultattiv biex tikkontribwixxi għall-ispejjeż operattivi tiegħu, inkluż l-ispejjeż għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni.

(n) Il-Kummissjoni tista' twettaq il-verfiki kollha li hija tqis li huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-kompiti assenjati lill-Kunsilli Konsultattivi.

(o) Kull Kunsill Konsultattivi għandu jibgħat kull sena l-baġit tiegħu u rapport dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati.

(p) Il-Kummissjoni jew il-Qorti tal-Awdituri jistgħu fi kwalunkwe żmien jirranġaw biex isir awditu jew minn korp barrani magħżul minnha jew mill-Kummissjoni jew mid-dipartimenti tal-Qorti tal-Awdituri nfushom.

(q) Kull Kunsill Konsultattiv għandu jaħtar awditur awtorizzat għall-perijodu li matulu huwa jibbenefika minn fondi tal-Unjoni.